

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 35



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

9 ta' Frar 2011

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

2011/65/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2010/21)** 1

2011/66/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2010/23)** 17

2011/67/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro (BĊE/2010/29)** 26

LINJI GWIDA

2011/68/UE:

- ★ **Linja ta' Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (BĊE/2010/20)** ... 31

Prezz: EUR 4

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Novembru 2010

dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew

(tfassil mill-ġdid)

(BĊE/2010/21)

(2011/65/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn "il quddiem l-Istatut tas-SEBĊ"), u partikolarment l-Artikolu 26.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2006/17 tal-10 ta' Novembru 2006, dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi. Peress illi jridu jsiru aktar emendi, partikolarment fir-rigward tal-*hedging* tar-riskju tar-rata ta' imgħax, hija għandha tiġi riformulata fl-interessi taċ-ċarezza.
- (2) Il-Linja ta'Gwida BĊE/2006/16 tal-10 ta' Novembru 2006 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Europea ta' Banek Ċentrali fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali ⁽²⁾ li għaliha tirreferi d-Deċiżjoni BĊE/2006/17 ġiet riformulata u rrevokata mil-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Europea ta' Banek Ċentrali fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali ⁽³⁾

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. It-termini ddefiniti fl-Artikolu 1 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 għandhom ikollhom l-istess tifsira meta jintużaw f'din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 348, 11.12.2006, p. 38.

⁽²⁾ ĠU L 348, 11.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. Termini tekniċi oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandhom ikollhom l-istess tifsira bħal fl-Anness II tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 2

Skop tal-applikazzjoni

Ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għall-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jkopru l-karta tal-bilanċ, elementi rreġistrati fil-kotba tal-BĊE barra l-karta tal-bilanċ, il-kont tal-qligħ u t-telf u n-noti għall-kontijiet annwali tal-BĊE.

Artikolu 3

Prinċipji bażiċi tal-kontabilità

Il-prinċipji fundamentali tal-kontabilità ddefiniti fl-Artikolu 3 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Rikonoxximent tal-assi u l-obbligazzjonijiet

Assi/passiv finanzjarju jew ta' tip ieħor għandu jkun rikonoxxut biss fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE skont l-Artikolu 4 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 5

Metodi ekonomiċi u metodi ta' kontabilità skont id-data tal-ħlas

Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 għandhom japplikaw għal din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU II

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TA' VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

Artikolu 6

Kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ

Il-kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ għandha tkun ibbażata fuq l-istruttura stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 7

Provvediment għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata ta' imgħax, il-kreditu u r-riskji fil-prezz tad-deheb

Wara illi jikkunsidra sew in-natura tal-attivitajiet tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jista' jistabbilixxi provvediment għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata ta' imgħax, il-kreditu u r-riskji fil-prezz tad-deheb fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE. Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-użu tal-provvediment fuq il-bażi ta' stima rraġunata tal-iskoperturi għar-riskju tal-BĊE.

Artikolu 8

Regoli għall-valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ

1. Ir-rati u l-prezzijiet kurrenti tas-suq għandhom jintużaw għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Anness I.

2. Ir-rivalutazzjoni tad-deheb, strumenti ta' valuta barranija, titoli minbarra dawk ikklassifikati bħala miżmumin sal-maturità u titoli mhux negozjabbli, kif ukoll strumenti finanzjarji, kemm dawk li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ kif dawk barra l-karta tal-bilanċ, għandha titwettaq fi tmiem is-sena bir-rata u l-prezzijiet medji tas-suq.

3. M'għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn id-differenzi fir-rivalutazzjoni tal-prezz u tal-valuta għad-deheb, iżda għandu jingħata kont għal differenza fir-rivalutazzjoni tad-deheb, fuq il-bażi tal-prezz feuro għal kull unità definita tal-piż tad-deheb li jirriżulta mir-rata tal-kambju euro/dollaru Amerikan fid-data tar-rivalutazzjoni trimestrali. Għall-kambju barrani, inklużi t-tranżazzjonijiet li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ kif ukoll dawk barra l-karta tal-bilanċ, ir-rivalutazzjoni għandha ssir fuq bażi ta' valuta b'valuta. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, investimenti f'SDRs, inklużi investimenti individwali f'kambju barrani indikat bħala bażi għall-basket SDR, għandhom jiġu trattati bħala investiment wieħed. Għal titoli, ir-rivalutazzjoni għandha sseħħ fuq bażi ta' kodiċi b'kodiċi, jiġifieri l-istess numru/tip ISIN. Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja jew inklużi fil-partiti "Assi finanzjarji oħrajn" jew "Varji" għandhom jiġu trattati bħala investimenti separati.

4. Titoli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità għandhom jiġu trattati bħala investimenti separati, jiġu vvalutati bħala spejjeż amortizzati u jkunu soġġetti għall-indeboliment. L-istess trattament għandu jingħata lil titoli li mhumiex negozjabbli. Titoli klassifikati bħala miżmumin sal-maturità jistgħu jinbiegħu qabel il-maturità tagħhom f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk il-kwantità mibjugħa titqies bħala mhux sinifikanti meta mqabbla mal-ammont totali tal-portafoll ta' titoli miżmumin sal-maturità; jew

(b) jekk it-titoli jinbiegħu matul ix-xahar tad-data tal-maturità;

(c) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal deterjorazzjoni sinifikanti tal-kredibilità ta' min joħroġhom, jew wara deċiżjoni espliċita dwar il-politika monetarja mill-Kunsill Governattiv.

Artikolu 9

Transazzjonijiet b'lura

Għandu jingħata rendikont għat-tranżazzjonijiet b'lura skont l-Artikolu 8 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 10

Strumenti ta' ekwità negozjabbli

Għandu jingħata rendikont għall-istrumenti ta' ekwità negozjabbli skont l-Artikolu 9 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 11

Ilqugħ għar-riskju tar-rata ta' imgħax fuq titoli b'derivattivi

Għandu jingħata rendikont għall-ilqugħ għar-riskju tar-rata ta' imgħax skont l-Artikolu 10 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 12

Strumenti sintetiċi

Għandu jingħata rendikont għall-istrumenti sintetiċi skont l-Artikolu 11 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

KAPITOLU III

RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL

Artikolu 13

Rikonoxximent ta' dħul

1. L-Artikolu 13(1), (2), (3), (5) u (7) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 għandu japplika għar-rikonoxximent tad-dħul.

2. Investimenti f'kontijiet ta' rivalutazzjoni speċjali li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fir-rigward tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li għalihom id-deroga tkun ġiet abrogata għandhom jintużaw biex ipaċu telf mhux realizzat meta dan jeċċedi qligħ ta' rivalutazzjoni preċedenti rreġistrat fil-kont ta' rivalutazzjoni standard korrispondenti kif stabbilit fl-Artikolu 13(1)(ċ) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20, qabel ma dan it-telf jiġi paċut skont l-Artikolu 33.2 tal-Istatut tas-SEBĊ. L-investimenti f'kontijiet speċjali ta' rivalutazzjoni għad-deheb, għall-valuti u għat-titoli għandhom jitnaqqsu *pro rata* f'każ ta' tnaqqis fl-investimenti tal-assi rilevanti.

Artikolu 14

Spejjeż ta' tranżazzjonijiet

L-Artikolu 14 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 għandu japplika għal din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU IV

REGOLI TA' KONTABBILTÀ GĦAL STRUMENTI BARRA L-KARTA TAL-BILANĊ

Artikolu 15

Regoli ġenerali

L-Artikolu 15 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 għandu japplika għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 16

Tranżazzjonijiet bil-quddiem b'kambju barrani

Għandu jingħata rendikont għat-tranżazzjonijiet bil-quddiem b'kambju skont l-Artikolu 16 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 17

Tpartit tal-kambju barrani

Għandu jingħata rendikont ta' tpartit tal-kambju barrani skont l-Artikolu 17 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 18

Kuntratti futuri

Għandu jingħata rendikont għall-kuntratti futuri skont l-Artikolu 18 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 19

Swaps tar-rata ta' imgħax

Għandu jingħata rendikont ta' tpartit tar-rata ta' imgħax skont l-Artikolu 19 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20. Telf mhux realizat li jiġi ttrasferit għall-kont tal-qligħ u t-telf fl-aħħar tas-sena għandu jiġi ammortizzat fis-snin sussegwenti skont *straight-line method*. Għal tpartit tar-rata ta' imgħax bil-quddiem, l-amortizzament għandu jibda sa mid-data tal-valur tat-tranżazzjoni.

Artikolu 20

Ftehim tar-rata bil-quddiem

Għandu jingħata rendikont tal-ftehim tar-rata ta' imgħax skont l-Artikolu 20 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 21

Tranżazzjonijiet bil-quddiem ta' titoli

Għandu jingħata rendikont tat-tranżazzjonijiet bil-quddiem ta' titoli skont il-Metodu A fl-Artikolu 21(1) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

Artikolu 22

Opzjonijiet

Għandu jingħata rendikont tal-opzjonijiet skont l-Artikolu 22 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

KAPITOLU V

PUBBLIKAZZJONI TAL-KARTA TAL-BILANĊ U TAL-KONT TAL-QLIGĦ U T-TELF ANNWALI

Artikolu 23

Formati

1. Il-format tal-karta tal-bilanċ annwali ppubblikata tal-BĊE għandu jsegwi l-format fl-Anness II.
2. Il-format tal-kont tal-qligħ u t-telf ippubblikat tal-BĊE għandu jkun konformi mal-Anness III.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 24

Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni ta' regoli

1. Fl-interpretazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat ukoll ix-xogħol preparatorju, il-prinċipji tal-kontabilità armonizzati bil-liġi tal-Unjoni u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità aċċettati ġeneralment.
2. Jekk xi trattament ta' kontabilità speċifiku mhuwiex stabilizzat f'din id-Deċiżjoni u fin-nuqqas ta' deċiżjoni bil-kontra mill-Kunsill Governattiv, il-BĊE għandu jsegwi l-prinċipji ta' valutazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità kif adottati mill-Unjoni Ewropea, li huma rilevanti għall-attivitajiet u l-kontijiet tal-BĊE.

Artikolu 25

Revoka

Id-Deċiżjoni BĊE/2006/17 hija b'din irrevokata. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jinftiehem b'halha referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2010.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Novembru 2010.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

ANNEX I

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

Nota: In-numerazzjoni tirreferi għall-format tal-karta tal-bilanċ mogħti fl-Anness II.

ASSI

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|--|---|--|
| 1 Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb | Deheb fiżiku, jiġifieri ingotti, muniti, platti, biċċiet tad-deheb maħżunin jew "under way". Deheb mhux fiżiku, bħal bilanċi f'sight accounts tad-deheb (kontijiet mhux allokati), depożiti b'terminu fiss u talbiet għad-deheb li jirriżultaw mit-transazzjonijiet li ġejjin: (i) transazzjonijiet ta' titjib jew tnaqqis; u (ii) lokazzjoni tad-deheb jew swaps tal-purità fejn hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta | Valur fis-suq |
| 2 Klejms kontra residenti barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija | Klejms kontra kontropartijiet residenti barra ż-żona euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovranazzjonali u banek ċentrali barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija | |
| 2.1 Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) | <p>(a) <i>Drittijiet ta' kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)</i></p> <p>Kwota nazzjonali bil-bilanċi f'euro mnaqqsin għad-disposizzjoni tal-IMF. Il-kont Nru 2 tal-IMF (kont f'euro għal spejjeż amministrattivi) jista' jiġi inkluż taħt dan l-element jew taħt l-element "Passiv għar-residenti barra ż-żona euro denominati f'euro"</p> <p>(b) <i>Drittijiet Speċjali ta' Kreditu (SDRs)</i></p> <p>Investimenti f'SDRs (gross)</p> <p>(c) <i>Klejms oħrajn</i></p> <p>Arranġamenti ġenerali biex tissellef, self taħt arranġamenti speċjali, depożiti li jsiru fi trusts taħt il-ġestjoni tal-IMF</p> | <p>(a) <i>Drittijiet ta' kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(b) <i>SDRs</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(c) <i>Klejms oħrajn</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> |
| 2.2 Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self barrani u assi esterni oħrajn | <p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, transazzjonijiet repo b'lura</p> <p>(b) <i>Investimenti f'titoli barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Noti u bonds, kambjali, zero bonds, strumenti tas-suq monetarju, strumenti ta' ishma azzjonarji miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti barra ż-żona euro</p> | <p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju ta' flus barranin</p> <p>(b) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Il-kost suġġett għall-indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Il-kost suġġett għall-indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) <i>Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli</i></p> <p>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju barrani</p> |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|---|--|--|
| | <p>(c) <i>Self barrani (depożiti) lil residenti barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>(d) <i>Assi barranin oħrajn</i></p> <p>Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona euro</p> | <p>(c) <i>Self barrani</i></p> <p>Depożiti skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(d) <i>Assi barranin oħrajn</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> |
| <p>3 Klejms kontra residenti taż-żona euro denominati f'valuta barranija</p> | <p>(a) <i>Investimenti f'titoli fiż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi "Assi finanzjarji oħra"</i></p> <p>Noti u bonds, kambjali, zero bonds, titoli tas-suq tal-flus, strumenti ta' ishma azzjonarji miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti taż-żona euro</p> <p>(b) <i>Klejms oħrajn kontra residenti taż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi "Assi finanzjarji oħra"</i></p> <p>Self, depożiti, tranżazzjonijiet repo b'lura, self varju</p> | <p>(a) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Il-kost suġġett għall-indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Il-kost suġġett għall-indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) <i>Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli</i></p> <p>Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(b) <i>Klejms oħrajn</i></p> <p>Depożiti u self ieħor skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> |
| <p>4 Klejms kontra residenti minn barra ż-żona euro denominati feuro</p> | | |
| <p>4.1 Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self</p> | <p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo b'lura marbutin mal-ġestjoni ta' titoli denominati feuro</p> <p>(b) <i>Investimenti f'titoli barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Strumenti ta' ishma azzjonarji, noti u bonds, kambjali, zero bonds, strumenti tas-suq monetarju, kollha maħruġin minn residenti barra ż-żona euro</p> | <p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro</i></p> <p>Valur nominali</p> <p>(b) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità.</i></p> <p>Kost suġġett għall-indeboliment.</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Il-kost suġġett għall-indeboliment</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) <i>Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli</i></p> <p>Prezz tas-suq</p> |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|--|--|---|
| | <p>(c) <i>Self lil residenti minn barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>(d) <i>Titoli maħruġin minn entitajiet barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-assi "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Titoli maħruġin minn organizzazzjonijiet sovranazzjonali jew internazzjonali eż il-Bank Ewropew għall-Investiment, irrappreżentant mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom</p> | <p>(c) <i>Self barra ż-żona euro</i> Depożiti skont il-valur nominali</p> <p>(d) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturitàL-ipprezz suġġetta għall-indeboliment.</i> Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> |
| 4.2 Talbiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II | Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II | Valur nominali |
| 5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbut mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominated feuro | Elementi 5.1 sa 5.5: tranżazzjonijiet skont l-instrumenti ta' politika monetarja rispettivi deskritti fl-Anness I għal Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar l-instrumenti ta' politika monetarja u l-proċeduri tal-Eurosistema (1) | |
| 5.1 Operazzjonijiet ta' rfinanzjament ewlenin | Transazzjonijiet b'lura regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull ġimgħa u li normalment għandhom maturità ta' ġimgħa | Valur nominali jew kost repo |
| 5.2 Operazzjonijiet ta' rfinanzjament fuq żmien itwal | Transazzjonijiet b'lura regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull xahar u li normalment għandhom maturità ta' tliet xhur | Valur nominali jew kost repo |
| 5.3 Operazzjonijiet ta' rfinar b'lura | Transazzjonijiet b'lura, esegwiti bħala transazzjonijiet ad hoc għal finijiet ta' rfinar | Valur nominali jew kost repo |
| 5.4 Operazzjonijiet strutturali b'lura | Transazzjonijiet b'lura li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju | Valur nominali jew kost repo |
| 5.5 Faċilita' ta' self marġinali | Faċilita' ta' likwidità <i>overnight</i> b'rata ta' imgħax fuq assi eliġibbli speċifikata minn qabel (faċilita' permanenti) | Valur nominali jew kost repo |
| 5.6 Kreditu relatati ma' għid marġinali | Kreditu addizzjonali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżulta minn żidiet fil-valur tal-assi sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur jew kost nominali |
| 6 Klejms oħrajn kontra istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona euro denominati feuro | Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, transazzjonijiet repo b'lura b'raba mal-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt l-element tal-assi "Titoli ta' residenti taż-żona euro denominati feuro", inklużi transazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tar-riżervi li qabel kienu f'valuta barranija taż-żona euro, u klejms oħrajn. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux domestiċi fiż-żona euro. Klejms oħrajn u operazzjonijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. | Valur jew kost nominali |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|--|---|--|
| 7 Titoli ta' residenti fiż-żona euro denominati feuro | | |
| 7.1 Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja | Titoli maħruġin fiż-żona euro u miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja. Ċertifikati ta' dejn tal-BĊE mixtrijin għal finijiet ta' rfinar | <p>(a) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(b) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Prezz suġġett għall-indeboliment (il-kost meta l-indeboliment huwa kopert minn provvedimenti taħt l-element tal-passiv 13(b) "Provvedimenti") Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(c) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> |
| 7.2 Titoli oħra | Titoli minbarra dawk taħt l-element tal-assi 7.1 "Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja" u taħt l-element tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn": karti tal-flus u bonds, kambjali, zero bonds, strumenti tas-suq tal-flus miżmumin għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM, denominati feuro. Strumenti ta' ishma azzjonarji | <p>(a) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(b) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(c) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(d) <i>Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli</i> Prezz tas-suq</p> |
| 8 Dejn ġenerali tal-gvern denominat feuro | Talbiet lill-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM: (titoli mhux negozjabbli, self) | Depożiti/self skont il-valur nominali, titoli mhux negozjabbli skont il-kost |
| 9 Kreditu ġewwa l-Eurosistema | | |
| 9.1 Klejms marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE | Klejms intra-Eurosistema fil-konfront ta' BĊNi li jirriżultaw mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE | Kost |
| 9.2 Klejms marbutin mal-allo-kazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema | Klejms marbutin mal-ħruġ ta' karti tal-flus mill-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta'Dièmbri 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro (riformulazzjoni) (?) | Valur nominali |
| 9.3 Klejms oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti) | Pożizzjoni netta tas-subelementi li ġejjin: (a) klejms netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-klejms u l-passiv. Ara wkoll l-element tal-passiv 10.2 "Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett)" | (a) Valur nominali |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|---|---|---|
| | (b) klejms oħrajn intra-Eurosistema denominati f'euro li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni proviżorja tad-dħul tal-BĊE lill-BĊNi | (b) Valur nominali |
| 10 Elementi waqt il-ħlas | Bilanċi fil-kont għall-pagamenti (kreditu), inkluż iċ-ċaqliq taċ-ċekkijiet li qed jinġabru | Valur nominali |
| 11 Assi oħrajn | | |
| 11.1 Muniti taż-żona euro | Muniti euro | Valur nominali |
| 11.2 Assi fissi tanġibbli u mhux tanġibbli | Art u bini, għamara u tagħmir inkluż tagħmir tal-komputer, <i>software</i> | <p>Kost wara li jitnaqqas id-deprezzament</p> <p>Id-deprezzament huwa l-allokazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli ta' assi fuq il-perijodu ta' utilità tiegħu. Il-perijodu ta' utilità huwa l-perijodu li matulu assi fissi huma mistennija li jkunu jistgħu jintużaw mill-entità. Il-perijodi ta' utilità ta' assi fissi materjali individwali jistgħu jiġu reveduti fuq bażi sistematika, jekk l-aspettattivi huma differenti mill-istimi preċedenti. L-assi ewlenin jistgħu jinkludu komponenti b'perijodi ta' utilità differenti. Il-perijodi ta' utilità ta' dawn il-komponenti għandhom ikunu vvalutati individwalment.</p> <p>Il-kost tal-assi intanġibbli jinkludi l-prezz għall-akkwist tal-assi mhux tanġibbli. Spejjeż oħrajn diretti jew indiretti għandhom jiġu inklużi</p> <p>Kapitalizzazzjoni tal-kost: ibbażata fuq il-limitu (taħt EUR 10 000 eskluża l-VAT: mingħajr kapitalizzazzjoni)</p> |
| 11.3 Assi finanzjarji oħrajn | <ul style="list-style-type: none"> — Interessi parteċipanti u investimenti fsussidjarji, ishma azzjonarji miżmumin għal raġunijiet strateġiċi/politiċi — Titoli inklużi ishma azzjonarji, u strumenti finanzjarji u bilanċi oħrajn inklużi d-depożiti għal terminu fiss u kontijiet kurrenti miżmumin bħala portafoll immarkat — Transazzjonijiet repo b'lura ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mal-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt dan l-element | <ul style="list-style-type: none"> (a) <i>Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli</i> Prezz tas-suq (b) <i>Interessi parteċipanti u ishma azzjonarji illikwidi, u kull strument ieħor ta' ishma azzjonarji miżmum bħala investimenti permanenti</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment (c) <i>Investiment fsussidjarji jew interessi sinifikanti</i> Valur tal-assi nett (d) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Primjums/skontijiet huma ammortizzati (e) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità jew miżmumin bħala investment permanenti</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (f) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Il-kost suġġett għall-indeboliment (g) <i>Bilanċi mal-banek u self</i> Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani jekk il-bilanċi/id-depożiti huma denominati f'valuti barranin |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|--|--|---|
| 11.4 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ | Riżultati tal-valutazzjoni ta' <i>forwards</i> ta' valuta barranija, <i>swaps</i> ta' kambju barrani, <i>swaps</i> tar-rata ta' imġax, ftehim bil-quddiem tar-rata, transazzjonijiet bil-quddiem ftitoli, transazzjonijiet immedjati tal-kambju barrani mid-data tan-negozju sad-data tal-ħlas | Il-pożizzjoni netta bejn <i>forward</i> u immedjat, skont ir-rata tas-suq tal-kambju barrani |
| 11.5 Dovuti u spejjeż imħallsin minn qabel | Dħul mhux dovut, imma assenjabbli fil-perjodu rrapportat. Prezz mħallsa minnqabel u imġax akkumulat imħallas, jiġifieri imġax akkumulat mixtri b'titolu | Valur nominali, kambju barrani maqlub skont ir-rata tas-suq |
| 11.6 Varji | (a) <i>Advances</i> , self u elementi minuri oħra. Self mogħti fuq bażi ta' fiduċja (b) Investimenti marbutin ma' depożiti ta' deheb tal-klijent (c) Assi tal-pensjoni netti (d) Klejms pendenti li jirriżultaw mill-inadempjenza tal-kontropartijiet tal-Eurosistema fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (e) Assi jew klejms (fil-konfront ta' terzi) negozjati u/jew miksubin fil-kuntest tar-realizzazzjoni tal-garanzija ppreżentata mill-kontropartijiet tal-Eurosistema li huma inadempjenti | (a) Valur jew kost nominali (b) Valur fis-suq (c) Skont l-Artikolu 24(2) (d) Valur nominali/li jista' jiġi rkuprat (qabel/wara l-ħlas tat-telf) (e) Kost (maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fil-ħin tal-akkwist jekk l-assi finanzjarji huma denominati f'valuti barranin) |
| 12 Telf għas-sena | | Valur nominali |

(1) ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1.

(2) Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali. Deċiżjoni BĊE/2010/29 adottata qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni BĊE/2010/21.

PASSIV

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|---|--|------------------------------|
| 1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | Karti tal-flus euro maħruġin mill-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 | Valur nominali |
| 2 Obbligazzjonijiet lejn istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbutin mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati feuro | Elementi 2.1, 2.2, 2.3 u 2.5: depożiti feuro kif deskritti fl-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 | |
| 2.1 Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi) | Kontijiet denominati feuro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma inklużi fil-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għar-riżervi minimi skont l-Istatut tas-SEBĊ. Dan l-element jinkludi primarjament kontijiet użati sabiex jinżammu r-riżervi minimi | Valur nominali |
| 2.2 Faċilità ta' depożitu | Depożiti <i>overnight</i> b'rata ta' imġax speċifikata minn qabel (faċilità permanenti) | Valur nominali |
| 2.3 Depożiti għal terminu fiss | Ġabra għall-finijiet ta' assorbiment tal-likwidità minħabba operazzjonijiet ta' rfinar | Valur nominali |
| 2.4 Operazzjonijiet ta' rfinar b'lura | Transazzjonijiet marbutin mal-politika monetarja bil-għan li jkun hemm assorbiment tal-likwidità | Valur nominali jew kost repo |
| 2.5 Depożiti relatati ma' għid marġinali | Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn tnaqqis fil-valur ta' assi sottostanti fil-konfront ta' krediti lejn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur nominali |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|---|---|---|
| 3 Passiv ieħor fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona euro denominat feuro | Transazzjonijiet repo konnessi ma' transazzjonijiet repo b'lura simultanja għall-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt l-element tal-assi 7 "Titoli ta' residenti fiż-żona euro denominati feuro". Operazzjonijiet oħrajn mhux relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Ebda kont kurrenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur nominali jew kost repo |
| 4 Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE | Ċertifikati ta' dejn kif deskritti fl-Anness I għal-Linja Gwida BĊE/2000/7 ... Titolu maħruġ bi skont, maħruġ għall-finijiet ta' assorbiment tal-likwidità | Il-kost Skontiet huma ammortizzati |
| 5 Passiv fil-konfront ta' residenti oħrajn taż-żona euro denominati feuro | | |
| 5.1 Gvern ġenerali | Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli mat-talba | Valur nominali |
| 5.2 Passiv ieħor | Kontijiet kurrenti tal-persunal, ta' kumpaniji u ta' klijenti inklużi istituzzjonijiet finanzjarji elenkati bħala eżenti mill-obbligu li jżommu riżervi minimi (Ara l-element tal-passiv 2.1); depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli mat-talba | Valur nominali |
| 6 Passiv fil-konfront ta' residenti barra iż-żona euro denominati feuro | Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli mat-talba inklużi kontijiet miżmumin għal finijiet ta' hla u kontijiet miżmumin għal finijiet ta' ġestjoni tar-riżervi: ta' banek oħra, banek ċentrali, istituzzjonijiet internazzjonali/sovranażjonali inklużi l-Kummissjoni Ewropea; kontijiet kurrenti ta' depożitanti oħra. Transazzjonijiet repo marbutin mat-transazzjonijiet repo simultanja b'lura għall-ġestjoni ta' titoli denominati feuro. Bilanċi ta' kontijiet TARGET2 tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro | Valur nominali jew kost repo |
| 7 Passiv fil-konfront ta' residenti taż-żona euro denominati f'valuta barranija | Kontijiet kurrenti Passiv taħt transazzjonijiet repo; normalment transazzjonijiet ta' investment permezz ta' assi f'valuta barranija jew deheb | Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena |
| 8 Passiv fil-konfront ta' residenti barra iż-żona euro denominati f'valuta barranija | | |
| 8.1 Depożiti, bilanċi u passiv ieħor | Kontijiet kurrenti Passiv taħt transazzjonijiet repo; normalment transazzjonijiet ta' investment permezz ta' assi f'valuta barranija jew deheb | Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena |
| 8.2 Passiv li jirriżulta mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II | Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II | Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena |
| 9 Il-kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' kreditu allokati mill-IMF | Element denominat bħala SDR li juri l-ammont ta' SDRs li kienu oriġinarjament allokati lil kull pajjiż/BĊN rispettiv | Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena |
| 10 Passiv intra-Eurosistema | | |
| 10.1 Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin | Element fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE, denominat feuro | Valur nominali |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|--|--|---|
| 10.2 Passiv ieħor fi ħdan l-Euro-sistema (nett) | <p>Pożizzjoni netta tas-subelementi li ġejjin:</p> <p>(a) klejms netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-klejms u l-passiv ... Ara wkoll l-element tal-assiv 9.3 "Klejms oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)"</p> <p>(b) passiv ieħor intra-Eurosistema denominat feuro li jista' jirriżulta, inkluża d-distribuzzjoni provviżorja tad-dħul tal-BĊE lill-BĊNi</p> | <p>(a) Valur nominali</p> <p>(b) Valur nominali</p> |
| 11 Elementi waqt il-ħlas | Bilanċi fil-kont għall-ħlas (passiv), inkluż iċ-ċaqliq ta' trasferimenti <i>giro</i> | Valur nominali |
| 12 Passiv ieħor | | |
| 12.1 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ | Riżultati tal-valutazzjoni ta' <i>forwards</i> ta' kambju barrani, <i>swaps</i> ta' kambju barrani, <i>swaps</i> tar-rata ta' imgħax, ftehim bil-quddiem tar-rata, transazzjonijiet bil-quddiem f'titoli, transazzjonijiet immedjati tal-kambju barrani mid-data tan-negozju sad-data tal-ħlas | Il-pożizzjoni netta bejn <i>forward</i> u immedjat, skont ir-rata tas-suq tal-kambju barrani |
| 12.2 Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem | Prezz dovuta f'perijodu fil-futur imma marbuta mal-perijodu ta' rappurtar. Dħul riċevut fil-perijodu rrapurtat imma marbut ma' perijodu futur | Valur nominali, kambju barrani maqlub skont ir-rata tas-suq |
| 12.3 Varji | <p>(a) Kontijiet provviżorji għat-taxxa. Kreditu f'valuta barranija jew kontijiet li jkopru l-garanzija Transazzjonijiet repo ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mat-transazzjonijiet repo simultani b'lura għall-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt l-element tal-assi "Assi finanzjarji oħrajn". Depożiti obbligatorji li mhumiex depożiti ta' riżerva. Elementi minuri oħra. Passiv ibbażat fuq il-fiduċja</p> <p>(b) Depożiti tad-deheb tal-klijent.</p> <p>(c) Passiv tal-pensjoni nett</p> | <p>(a) Valur jew kost nominali (repo)</p> <p>(b) Valur tas-suq</p> <p>(c) Skont l-Artikolu 24(2)</p> |
| 13 Provvedimenti | <p>(a) Għar-rata tal-kambju barrani, rata ta' imgħax, riskji fil-kreditu u fil-prezz tad-deheb, u għal finijiet oħra, eż spejjeż mistennija fil-futur u kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ għal dak li jirrigwarda banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati.</p> <p>(b) Għal riskji tal-kontroparti jew tal-kreditu li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' politika monetarja</p> | <p>(a) Kost/valur nominali</p> <p>(b) Valur nominali (ibbażat fuq valutazzjoni fi tmiem is-sena mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE)</p> |
| 14 Kontijiet ta' rivalutazzjoni | <p>(a) Kontijiet ta' rivalutazzjoni marbutin ma' movimenti fil-prezz tad-deheb, għal kull tip ta' titoli denominati feuro, għal kull tip ta' titoli denominati f'valuta barranija, għal opzjonijiet; differenzi fil-valutazzjoni tas-suq marbutin ma' derivattivi tar-rata ta' imgħax; kontijiet ta' rivalutazzjoni marbutin ma' ċaqliq fir-rata tal-kambju għal kull pożizzjoni netta ta' valuta barranija, inklużi <i>swaps/forwards</i> ta' kambju barrani u SDRs</p> <p>(b) Kontijiet speċjali ta' rivalutazzjoni li joriġinaw minn kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fil-rigward ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati. Ara l-Artikolu 13(2)</p> | Differenza fir-rivalutazzjoni bejn il-kost medju u l-valur tas-suq, bil-kambju maqlub bir-rata tas-suq |

| Element tal-karta tal-bilanċ | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni |
|------------------------------|---|----------------------------|
| 15 Kapital u riżervi | | |
| 15.1 Kapital | Kapital imħallas | Valur nominali |
| 15.2 Riżervi | Riżervi legali, skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ u kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fir-rigward ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati | Valur nominali |
| 16 Profitt għas-sena | | Valur nominali |

KARTA TAL-BILANĊ ANNWALI TAL-BĊE

(miljuni fEUR) ⁽¹⁾

| Assi ⁽²⁾ | Sena tar-rappurtar | Sena preċedenti | Passiv | Sena tar-rappurtar | Sena preċedenti |
|--|--------------------|-----------------|--|--------------------|-----------------|
| 1. Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb 2. Klejms kontra residenti minn barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija 2.1 Ammonti riċevibbli mill-IMF 2.2 Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self barrani u assi esterni oħrajn 3. Klejms kontra residenti taż-żona euro denominati f'valuta barranija 4. Klejms kontra residenti minn barra ż-żona euro denominati f'euro 4.1 Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self 4.2 Klejms li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II 5. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbut mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominat f'euro 5.1 Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin 5.2 Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal 5.3 Operazzjonijiet ta' rfinar b'lura 5.4 Operazzjonijiet strutturali b'lura 5.5 Faċilità ta' self marġinali 5.6 Krediti relatati ma' għid marġinali 6. Klejms oħrajn kontra istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona euro denominati f'euro 7. Titoli ta' residenti taż-żona euro denominati f'euro 7.1 Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja 7.2 Titoli oħra 8. Dejn ġenerali tal-gvern denominat f'euro 9. Klejms intra-Eurosistema 9.1 Klejms marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE 9.2 Klejms marbutin mal-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema 9.3 Klejms oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett) | | | 1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni 2. Passiv fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbut mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominat f'euro 2.1 Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi) 2.2 Faċilità ta' depożitu 2.3 Depożiti għal terminu fiss 2.4 Operazzjonijiet ta' rfinar b'lura 2.5 Depożiti relatati ma' għid marġinali 3. Passiv ieħor fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona euro denominat f'euro 4. Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE 5. Passiv fil-konfront ta' residenti oħrajn taż-żona euro denominati f'euro 5.1 Gvern ġenerali 5.2 Passiv ieħor 6. Passiv fil-konfront ta' residenti barra ż-żona euro denominati f'euro 7. Passiv fil-konfront ta' residenti taż-żona euro denominati f'valuta barranija 8. Passiv fil-konfront ta' residenti barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija 8.1 Depożiti, bilanċi u passiv ieħor 8.2 Passiv li jirriżulta mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II 9. Il-kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' kreditu allokatu mill-IMF 10. Passiv intra-Eurosistema 10.1 Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin 10.2 Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett) 11. Elementi fil-proċess tal-ħlas 12. Passiv ieħor 12.1 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ 12.2 Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem | | |

(miljuni fEUR) ⁽¹⁾

| Assi ⁽²⁾ | Sena tar-rappurtar | Sena preċedenti | Passiv | Sena tar-rappurtar | Sena preċedenti |
|---|--------------------|-----------------|----------------------------------|--------------------|-----------------|
| 10. Elementi fil-proċess tal-ħlas | | | 12.3 Varji | | |
| 11. Assi oħrajn | | | 13. Provvedimenti | | |
| 11.1 Muniti taż-żona euro | | | 14. Kontijiet ta' rivalutazzjoni | | |
| 11.2 Assi fissi tanġibbli u mhux tanġibbli | | | 15. Kapital u riżervi | | |
| 11.3 Assi finanzjarji oħrajn | | | 15.1 Kapital | | |
| 11.4 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ | | | 15.2 Riżervi | | |
| 11.5 Dovuti u spejjeż imħallsa minn qabel | | | 16. Profitt għas-sena | | |
| 11.6 Varji | | | | | |
| 12. Telf għas-sena | | | | | |
| | | Assi totali | | Passiv totali | |

⁽¹⁾ Alternattivament il-BĊE jista' jippubblika l-ammonti eżatti f'euro, jew ammonti rrawndjati b'mod differenti

⁽²⁾ It-tabella tal-assi tista' tkun ippubblikata wkoll qabel it-tabella tal-passiv.

ANNEX III

KONT TAL-QLIGĦ U T-TELF IPPUBBLIKAT TAL-BĊE

(f'miljuni ta' EUR) ⁽¹⁾

| Kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru ... | Sena ta' Rappurtar | Sena preċedenti |
|--|--------------------|-----------------|
| 1.1.1. Dħul minn imgħax fuq assi ta' riżervi barranin | | |
| 1.1.2. Dħul minn imgħax li jirriżulta mill-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema | | |
| 1.1.3. Dħul ieħor minn imgħax | | |
| 1.1. Dħul minn imgħax | | |
| 1.2.1. Remunerazzjoni għal klejms tal-BĊNi fir-rigward ta' riżervi barranin trasferiti | | |
| 1.2.2. Spejjeż oħra ta' imgħax | | |
| 1.2. Spejjeż ta' imgħax | | |
| 1. Dħul nett mill-imgħax | | |
| 2.1. Qligħ/telf realizat li jirriżulta minn operazzjonijiet finanzjarji | | |
| 2.2. Tnaqqis fil-valur ta' assi u posizzjonijiet finanzjarji | | |
| 2.3. Trasferiment lil/minn provvedimenti għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata ta' imgħax, il-kreditu u r-riskji fil-prezz tad-deheb | | |
| 2. Riżultat nett ta' operazzjonijiet finanzjarji, tnaqqis fil-valur u provvedimenti għal riskji | | |
| 3.1. Miżati u dħul minn kummissjonijiet | | |
| 3.2. Miżati u spejjeż ta' kummissjonijiet | | |
| 3. Dħul/prezz nett ta' miżati u kummissjonijiet ⁽²⁾ | | |
| 4. Dħul mill-ishma u interessi ta' parteċipazzjoni azzjonarja | | |
| 5. Dħul ieħor | | |
| Dħul totali nett | | |
| 6. Spejjeż tal-persunal ⁽³⁾ | | |
| 7. Spejjeż amministrattivi ⁽³⁾ | | |
| 8. Deprezzament ta' assi fissi tanġibbli u mhux tanġibbli | | |
| 9. Servizzi ta' produzzjoni ta' karti tal-flus ⁽⁴⁾ | | |
| 10. Spejjeż oħra | | |
| (Telf)/qligħ għas-sena | | |

⁽¹⁾ Alternattivament il-BĊE jista' jippubblika l-ammonti eżatti feuro, jew ammonti rawnjati b'mod differenti

⁽²⁾ It-tqassim bejn dħul u spejjeż jista' jkun ipprovdut alternattivament fin-noti spjegattivi tal-kontijiet annwali.

⁽³⁾ Dan jinkludi provvedimenti amministrattivi.

⁽⁴⁾ Dan l-element jintuża f'każ ta' produzzjoni ta' karti tal-flus li tiġi mgħoddija esternament (għall-prezz tas-servizzi pprovduti minn kumpaniji esterni responsabbli għall-produzzjoni ta' karti tal-flus fisem il-banek ċentrali). Huwa rrikkmandat illi l-ispejjeż involuti b'rabta mal-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf meta tinħareġ il-fattura jew joħorġu b'mod ieħor. Ara wkoll il-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

ANNEX IV

DEĊIŻJONI REVOKATA U EMENDI SUĊĊESSIVI

| | |
|-----------------------|------------------------------|
| Deċiżjoni BĊE/2006/17 | ĠU L 348, 11.12.2006, p. 38. |
| Deċiżjoni BĊE/2007/21 | ĠU L 42, 16.2.2008, p. 83. |
| Deċiżjoni BĊE/2008/22 | ĠU L 36, 5.2.2009, p. 22. |
| Deċiżjoni BĊE/2009/19 | ĠU L 202, 4.8.2009, p. 54. |
| Deċiżjoni BĊE/2009/29 | ĠU L 348, 29.12.2009, p. 57. |

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Deċiżjoni BĊE/2006/17 | Din id-Deċiżjoni |
|-----------------------|------------------|
| — | Artikolu 11 |
| Artikolu 10a | Artikolu 12 |
| Artikolu 11 | Artikolu 13 |
| Artikolu 12 | Artikolu 14 |
| Artikolu 13 | Artikolu 15 |
| Artikolu 14 | Artikolu 16 |
| Artikolu 15 | Artikolu 17 |
| Artikolu 16 | Artikolu 18 |
| Artikolu 17 | Artikolu 19 |
| Artikolu 18 | Artikolu 20 |
| Artikolu 19 | Artikolu 21 |
| Artikolu 20 | Artikolu 22 |
| Artikolu 21 | Artikolu 23 |
| Artikolu 22 | Artikolu 24 |
| Artikolu 23 | Artikolu 25 |
| Artikolu 24 | Artikolu 26 |

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Novembru 2010

dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

(tfassil mill-ġdid)

(BĊE/2010/23)

(2011/66/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u partikolarment l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

- (1) Deċiżjoni BĊE/2001/16 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002⁽¹⁾ issa ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi⁽²⁾ Peress illi jridu jsiru aktar emendi, hija għandha tkun riformulata fl-interessi taċ-ċarezza.
- (2) Skont l-Artikolu 32.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, id-dħul monetarju huwa d-dħul akkumulat għall-BĊNi fit-twertiq tal-funzjoni tagħhom tal-politika monetarja. Taħt l-Artikolu 32.2 tal-Istatut tas-SEBĊ, l-ammont ta' dħul ta' kull BĊN huwa ugwali għad-dħul annwali tiegħu mill-assi miżmumin fuq karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni u passiv fuq depożiti lejn istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn l-assi għandhom jiġu mmarkati minn BĊNi skont il-linji ta' gwida tal-Kunsill Governattiv. Il-BĊNi għandhom jimmarkaw l-assi li jirriżultaw mit-twertiq tal-funzjoni tagħhom tal-politika monetarja bħala assi miżmumin fuq karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni u passiv fuq depożiti lejn istituzzjonijiet ta' kreditu. Skont l-Artikolu 32.4 tal-Istatut tas-SEBĊ, l-ammont tad-dħul monetarju ta' kull BĊN huwa mnaqqas b'ammont ekwivalenti għal kull imgħax imħallas minn dak il-BĊN fuq passiv fuq depożiti lejn istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 19.
- (3) Skont l-Artikolu 32.5 tal-Istatut tas-SEBĊ, is-somma tad-dħul monetarju tal-BĊNi hija allokata lilhom skont il-proporzjon tal-ishma mħallsa tagħhom fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).
- (4) Skont l-Artikoli 32.6 u 32.7 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Kunsill Governattiv għandu s-setgħa li jstabbilixxi linji ta' gwida għall-ikklerjar u l-ħlas mill-BĊE tal-bilanċi li jirriżultaw mill-allokazzjoni ta' dħul monetarju u li jieħu kull miżuri oħrajn li huma meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 32.
- (5) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro⁽³⁾, il-BĊE u l-BĊNi daħħlu fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus tal-euro. Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament jgħid illi karti tal-flus denominati f'unitajiet ta' munita nazzjonali jibqgħu valuta legali fil-konfini territorjali tagħhom sa mhux aktar tard minn sitt xhur mill-bidla tal-flus rispettiva. Is-sena tal-bidla tal-flus għandha għal-hekk tiġi meqjusa bħala sena speċjali, peress illi l-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni denominati f'unitajiet ta' munita nazzjonali jistgħu jkunu għadhom jgħoddu għal proporzjon konsiderevoli tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni.
- (6) Artikolu 15(1) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/9 tal-14 ta' Lulju 2006 dwar ċerti preparazzjonijiet għat-tibdil tal-flus kontanti euro u dwar il-*frontloading* u s-*subfrontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona tal-euro⁽⁴⁾ jistipula illi karti tal-flus tal-euro mqassmin minn qabel lil kontropartijiet eliġibbli huma ddebitati fil-kontijiet ta' dawk il-kontropartijiet mal-BĊN tagħhom skont il-valur nominali tagħhom, skont il-*linear debiting model*" li ġej: l-ammont totali ta' karti tal-flus tal-euro mqassmin minn qabel jiġi ddebitat fi tliet rati ugwali, fid-data tal-ħlas tal-ewwel, ir-raba' u l-ħames operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament tal-Eurosistema wara d-data tal-bidla tal-flus. Il-kalkolu tad-dħul monetarju għas-sena tal-bidla tal-flus trid tagħti konsiderazzjoni lil dan il-*linear debiting model*".
- (7) Din id-Deċiżjoni hija marbuta ma' Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro⁽⁵⁾, li tistipula illi l-BĊE u l-BĊNi joħorġu karti tal-flus tal-euro. Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tistabbilixxi l-allokazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni lill-BĊNi skont il-proporzjon tal-ishma li għandhom imħallsin fil-kapital tal-BĊE. Hija

⁽¹⁾ ĠU L 337, 20.12.2001, p. 55.⁽²⁾ Ara l-Anness IV.⁽³⁾ ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 207, 28.7.2006, p. 39.⁽⁵⁾ Ara paġna ta' 26 dan il-Ġurnal Uffiċjali. Deċiżjoni BĊE/2010/29 adottata qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23.

talloka ukoll lill-BĊE 8 % tal-valur totali tal-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni. L-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fost il-membri tal-Eurosistema twassal għal bilanċi intra-Eurosistema. Ir-remunerazzjoni ta' dawn il-bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandha effett dirett fuq id-dħul ta' kull membru tal-Eurosistema, u għalhekk hija għandha tkun irregolata taħt din id-Deċiżjoni. Id-dħul li jakkumula lill-BĊE mir-remunerazzjoni tal-klejms intra-Eurosistema tiegħu fil-konfront ta' BĊNi b'raba ma' sehm tal-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu fil-prinċipju jitqassam lill-BĊNi skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/24 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-distribuzzjoni *interim* tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni u li jirriżulta minn titoli mixtrijin taħt il-programm tas-swieq tat-titoli (riformulazzjoni) ⁽¹⁾ skont il-proporzjon tal-ishma tagħhom fl-iskema tal-kapital sottoskritt fl-istess sena finanzjarja li jakkumula fiha.

- (8) Il-bilanċ nett tal-klejms u l-passiv intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu jitħallas billi jiġi applikat kriterju oġġettiv li jiddefinixxi l-prezz tal-flus. F'dan il-kuntest, ir-rata tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għal operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament hija meqjusa bħala xierqa.
- (9) Il-passiv intra-Eurosistema nett fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu jiġi inkluż fil-bażi tal-passiv għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul monetarju tal-BĊNi taħt l-Artikolu 32.2 tal-Istatut tas-SEBĊ peress illi huwa ekwivalenti għall-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni. Il-ħlas ta' imgħax fuq bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu għalhekk jirriżulta fid-distribuzzjoni ta' ammont sostanzjali tad-dħul monetarju tal-Eurosistema fost BĊNi skont il-proporzjon tal-ishma imħallsin li għandhom fil-kapital tal-BĊE. Dawn il-bilanċi intra-Eurosistema għandhom jiġu aġġustati sabiex jippermettu adattazzjoni gradwali tal-karti tal-bilanċ u kontijiet tal-qligħ u t-telf tal-BĊNi. L-aġġustamenti għandhom ikunu bbażati fuq il-valur ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni ta' kull BĊN matul perijodu qabel l-introduzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro. Dawn l-aġġustamenti għandhom japplikaw fuq bażi annwali skont formula fissa għal mhux aktar minn ħames snin ta' wara.
- (10) L-aġġustamenti lill-bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni ġew ikkalkolati sabiex jikkompensaw għal bidliet sinifikanti fil-pożizzjonijiet tad-dħul tal-BĊNi bħala konsegwenza tal-introduzzjoni ta' karti tal-flus u l-allokkazzjoni sussegwenti tad-dħul monetarju.
- (11) Ir-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ japplikaw ukoll għad-dħul li jirriżulta mill-istralċju ta' karti tal-flus tal-euro li ġew irtirati miċ-ċirkolazzjoni.

- (12) L-Artikolu 32.5 tal-Istatut tas-SEBĊ jispeċifika illi s-somma tad-dħul monetarju tal-BĊNi għandha tiġi allokata lill-BĊNi skont il-proporzjon tal-ishma mħallsa tagħhom fil-kapital tal-BĊE. Skont l-Artikolu 32.7 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Kunsill Governattiv huwa kompetenti biex jieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 32. Dan jinkludi l-kompetenza biex jikkunsidra fatturi oħrajn meta jkun qed jiddeċiedi dwar l-allokkazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-kanċellament ta' karti tal-flus tal-euro li jkunu ġew irtirati miċ-ċirkolazzjoni. F'dan il-kuntest, il-prinċipji tat-trattament ugwali u tal-imparzjalità jeħtieġu illi jiġi kkunsidrat il-perijodu ta' żmien li matulu nħarġu l-karti tal-flus tal-euro li jkunu ċew irtirati. L-iskema tal-allokkazzjoni għal dan id-dħul speċifiku għandha għalhekk tirrifletti kemm is-sehem rilevanti fil-kapital tal-BĊE kif ukoll it-tul tal-fażi tal-ħruġ.
- (13) L-irtirar ta' karti tal-flus tal-euro għandu bżonn jiġi rregolat minn deċiżjonijiet separati li jridu jittieħdu taħt l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4 tal-20 ta' Marzu 2003 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar ta' karti tal-flus tal-euro ⁽²⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) "BĊN" tfisser bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;
- (b) "bażi tal-passiv" tfisser l-ammont ta' passiv li jikkwalifika, fil-karta tal-bilanċ ta' kull BĊN, speċifikat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (c) "assi assenjabbli" tfisser l-ammont ta' assi miżmumin fil-konfront tal-bażi tal-passiv, fil-karta tal-bilanċ ta' kull BĊN, speċifikati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;
- (d) "bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni" tfisser il-klejms u l-passiv li jirriżulta bejn BĊN u l-BĊE u bejn BĊN u l-BĊNi l-oħra bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29;
- (e) "skema tal-kapital sottoskritt" tfisser l-ishma tal-BĊNi, espressi bħala persentaġġi, fil-kapital sottoskritt tal-BĊE li jirriżulta mill-applikazzjoni lill-BĊNi tal-ippeżar fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u kif applikabbli għas-sena finanzjarja rilevanti;

⁽¹⁾ Ara paġna ... ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali. Deċiżjoni BĊE/2010/24 adottata qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3 p. 246 sa 249.

- (f) istituzzjoni ta' kreditu tfisser jew (a) istituzzjoni ta' kreditu fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikoli 2 u 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, kif implimentata fil-liġi nazzjonali, li hija suġġetta għas-superviżjoni minn awtorità kompetenti; jew (b) istituzzjoni ta' kreditu oħra fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 123(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li hija suġġetta għall-iskrutinju ta' standard paragonabbli mas-superviżjoni minn awtorità kompetenti;
- (g) "HBS" tfisser il-karta tal-bilanċ armonizzata kif stabbilita fl-Anness VIII tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali ⁽²⁾;
- (h) "rata ta' referenza" tfisser l-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli li hija użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament taħt il-paragrafu 3.1.2 tal-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema ⁽³⁾. Fejn titmexxa aktar minn operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament għall-ħlas fl-istess jum, tintuża medja sempliċi tar-rati marġinali tal-operazzjonijiet li jitmexxew b'mod paralleli;
- (i) "data tal-bidla tal-flus kontanti" tfisser id-data li fiha l-karti tal-flus u l-muniti euro jiksbu l-istat ta' valuta legali fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;
- (j) "perijodu ta' referenza" tfisser perijodu ta' 24 xahar li jibda 30 xahar qabel id-data tal-bidla tal-flus kontanti;
- (k) "sena tal-bidla tal-flus kontanti" tfisser perijodu ta' 12-il xahar li jibda fid-data tal-bidla tal-flus kontanti;
- (l) "rata ta' referenza kwotidjana tal-kambju barrani" tfisser ir-rata ta' referenza kwotidjana tal-kambju li hija bbażata fuq il-proċedura regolari ta' ftehim kwotidjan bejn banek ċentrali fi ħdan u barra s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali, li normalment isseħħ fis-14.15 Ħin Ċentrali Ewropew (CET);
- (m) "karti tal-flus tal-euro rtirati" tfisser kull tip jew serje ta' karta tal-flus li għet irtirata miċ-ċirkolazzjoni permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv meħuda skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4;
- (n) "skema tal-ħruġ" tfisser il-medja tal-iskema tal-kapital sottoskritt matul il-fażi tal-ħruġ ta' xi tip jew serje ta' karti ta' flus euro rtirati;
- (o) "fażi tal-ħruġ", b'rabta ma tip jew serje ta' karti tal-flus tal-euro, tfisser il-perijodu li jibda fid-data li fiha l-ewwel ħaġġa

ta' karta ta' flus tal-euro ta' dan it-tip jew ta' din is-sensjela tiġi rreġistrata fil-bażi tal-passiv u jispiċċa fid-data li fiha l-aħħar ħaġġa ta' karta tal-flus tal-euro ta' dan it-tip jew ta' din is-sensjela tiġi rreġistrata fil-bażi tal-passiv;

- (p) "tikkanċella" tfisser li telimina karti ta' flus tal-euro rtirati mill-element tal-karta tal-bilanċ "karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni".

Artikolu 2

Bilanċi intra-Eurosistema ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni

1. Il-bilanċi intra-Eurosistema ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi mensili u għandu jiġi rreġistrat fil-kotba tal-BĊE u tal-BĊNi fl-ewwel jum tan-negozju tax-xahar bid-data tal-aħħar jum tan-negozju tax-xahar preċedenti.

Fejn Stat Membru jadotta l-euro, il-kalkolu tal-bilanċi intra-Eurosistema ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni taħt l-ewwel sub-paragrafu għandu jiġi rreġistrat fil-kotba tal-BĊE u tal-BĊNi bid-data tal-jum tal-bidla tal-flus kontanti.

Il-bilanċi intra-Eurosistema ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena li b'effett minnu japplika kull aġġustament li jsir kull ħames snin skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, jinħadmu abbażi tal-iskema aġġustata tal-kapital sottoskritt applikata lil bilanċi tat-total tal-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

2. Il-bilanċi intra-Eurosistema ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu rremunerati bir-rata ta' referenza.

3. Ir-remunerazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi mħallsa permezz ta' pagamenti TARGET2 fuq bażi trimestrali.

Artikolu 3

Metodu biex jiġi kkalkolat id-dħul monetarju

1. L-ammont ta' dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jkun determinat billi jitkejjel id-dħul attwali li jirriżulta mill-assi assenjabbli rreġistrati fil-kotba tiegħu. Bħala eċċezzjonijiet għal dan, id-deheb m'għandux jitqies bħala li jiġġenera d-dħul, u titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja taħt Deċiżjoni BĊE/2009/16 tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri ta' bonds garantiti (*covered bonds*) ⁽⁴⁾ għandhom jiġu meqjusa li jiġġeneraw dħul skont ir-rata ta' referenza.

⁽¹⁾ ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ Ara paġna ta' 31 dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 175, 4.7.2009, p. 18

2. Fejn il-valur tal-assi assenjabbli ta' BĊN jeċċedu jew ma jlaħħqux il-valur tal-baġi tal-passiv tiegħu, id-differenza għandha titpaċa billi tiġi applikata r-rata ta' referenza lill-valur tad-differenza.

Artikolu 4

Aġġustamenti għall-bilanċi intra-Ewrosistema

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul monetarju, il-bilanċi intra-Ewrosistema ta' kull BĊN fuq il-bilanċi tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu aġġustati b'ammont kumpensatorju li jiġi determinat skont il-formula li ġejja:

$$C = (K - A) \times S$$

fejn:

C huwa l-ammont kumpensatorju,

K huwa l-ammont feuro għal kull BĊN li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-iskema tal-kapital sottomskritt lill-valur medju ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni matul il-perijodu ta' referenza, fejn l-ammont ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni denominati fil-munita nazzjonali ta' Stat Membru li jadotta l-euro għandu jiġi maqlub feuro bir-rata ta' referenza kwotidjana tal-kambju barrani matul il-perijodu ta' referenza,

A hija l-valur medju feuro għal kull BĊN ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni matul il-perijodu ta' referenza, maqlub feuro bir-rata ta' referenza kwotidjana tal-kambju barrani matul il-perijodu ta' referenza,

S huwa l-koeffiċjent għal kull sena finanzjarja, li jibda bid-data tal-bidla tal-flus kontanti:

| Sena finanzjarja | Koeffiċjent |
|--|-------------|
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti | 1 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti u sena oħra | 0,8606735 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti u sentejn oħra | 0,7013472 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti u tliet snin oħra | 0,5334835 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti u erba'snin oħra | 0,3598237 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti u ħames snin oħra | 0,1817225 |

2. Is-somma tal-ammonti kumpensatorji tal-BĊNi għandha tkun zero.

3. Ammonti kumpensatorji għandhom jiġu kkalkolati kull darba li Stat Membru jadotta l-euro jew meta l-iskema tal-kapital sottomskritt tal-BĊE tinbidel.

4. Meta BĊN jingħaqad mal-Ewrosistema, l-ammont kumpensatorju tiegħu għandu jiġi allokat lill-BĊNi l-oħrajn skont il-proporzjon tal-ishma rispettivi tal-BĊNi l-oħrajn fl-iskema tal-kapital sottomskritt, bis-sinjal (+/-) irriversjat, u għandu jkun miżjud ma' kull ammonti kumpensatorji li huma diġà fis-seħħ għall-BĊNi l-oħrajn.

5. L-ammonti kumpensatorji u l-elementi tal-kontabilità biex jibbilanċjaw dawk l-ammonti kumpensatorji għandhom jiġu rreġstrati f'kontijiet intra-Ewrosistema separati fil-kotba ta' kull BĊN bid-data tad-data tal-bidla tal-flus kontanti u l-istess data ta' kull sena segwenti tal-perijodu t'aġġustament. L-elementi tal-kontabilità biex jibbilanċjaw l-ammonti kumpensatorji m'għandhomx ikunu rremunerati.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, mal-okkorrenza ta' ġrajjiet speċifiċi marbutin ma' bidliet fit-tendenzi taċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus, kif stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni, il-bilanċi intra-Ewrosistema ta' kull BĊN tal-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu aġġustati skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

7. L-aġġustamenti għall-bilanċi intra-Ewrosistema li għalihom hemm provvedimenti f'dan l-Artikolu għandhom jieqfu milli japplikaw mill-ewwel jum tas-sitt sena li ssegwi s-sena rilevanti tal-bidla tal-flus kontanti.

Artikolu 5

Kalkolu u allokkazzjoni tad-dħul monetarju

1. Il-kalkolazzjoni u l-allokkazzjoni tad-dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jsir mill-BĊE ta' kuljum. Il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq dejta tal-kontabilità rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE. Il-BĊE għandu jinforma lill-BĊNi bl-ammonti kumulattivi fuq baġi trimestrali.

2. L-ammont tad-dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jitnaqqas b'ammont ekwivalenti għal kull imgħax akkumulat jew imgħax fuq il-passiv inkluż fil-baġi tal-passiv, u skont kull deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv taħt it-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 32.4 tal-Istatut tas-SEBĊ.

3. L-allokkazzjoni tas-somma tad-dħul monetarju ta' kull BĊN skont il-proporzjon tal-iskema tal-kapital sottomskritt għandha sseħħ fit-tmiem ta' kull sena finanzjarja.

Artikolu 6

Kalkolu u allokkazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-kanċellament ta' karti tal-flus tal-euro

1. Karti tal-flus tal-euro ritirati għandhom jibqgħu parti mill-baġi tal-passiv sakemm jiġu skambjati jew ikkanċellati, skont liema minnhom iseħħ l-ewwel.

2. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jikkancelła karti tal-flus tal-euro, fliema każ għandu jispeċifika d-data tal-kanċellament u l-ammont totali tal-provvediment li jrid isir għal dawk il-karti tal-flus tal-euro rtirati li għandhom mistennija li jiġu skambjati.

3. Karti ta' flus tal-euro rtirati għandhom jiġu kkanċellati kif ġej:

(a) Fid-data tal-kanċellament, l-elementi "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊNi għandhom jitnaqqsu bl-ammont totali ta' karti tal-flus tal-euro rtirati li għandhom fiċ-ċirkolazzjoni. Għal dan il-għan, l-ammonti attwali ta' karti tal-flus tal-euro rtirati li tpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu aġġustati għall-ammonti pro rata tagħhom ikkalkolati skont l-iskema tal-ħruġ, u d-differenzi għandhom jiġu paċuti bejn il-BĊE u l-BĊNi.

(b) L-ammont aġġustat ta' karti tal-flus tal-euro rtirati għandu jiġi kkanċellat mill-element tal-karta tal-bilanċ "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fil-kontijiet tal-qligħ u t-telf tal-BĊNi.

(ċ) Kull BĊN għandu jstabbilixxi provvediment għal karti ta' flus euro rtirati li għandhom mistennija li jiġu skambjati. Il-provvediment għandu jkun ekwivalenti għas-sehem tal-BĊN rilevanti fl-ammont totali tal-provvediment ikkalkulat bl-użu tal-iskema tal-ħruġ.

4. Karti tal-flus tal-euro rtirati li jiġu skambjati wara d-data tal-kanċellament għandu jiġi rreġistrat fil-kotba tal-BĊN li jkun

aċċettahom. Il-karti tal-flus tal-euro rtirati li jidħlu għandhom jerġgħu jitqassmu bejn il-BĊNi mill-anqas darba fis-sena billi tiġi applikata l-iskema tal-ħruġ, u d-differenzi għandhom jiġu paċuti bejniethom. Kull BĊN għandu jpaċi l-ammont pro rata mal-provvediment tiegħu jew, f'każ li dak li jidħol jeċċedi l-provvediment, jirreġistra spiża korrispondenti fil-kont tal-qligħ u t-telf tiegħu.

5. Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi l-ammont totali tal-provvediment fuq bażi annwali.

Artikolu 7

Revoka

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/16 hija b'din irrevokata. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jiġu miftehma bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2010.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Novembru 2010.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX I

KOMPOŻIZZJONI TAL-BAŻI TAL-PASSIV

A. Il-bażi tal-passiv tinkludi, bl-esklużjoni ta' kull element ieħor:

1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, fis-sena tal-bidla tal-flus kontanti għal kull BĊN li jingħaqad mal-Eurosistema "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni":

(a) tinkludi karti tal-flus maħruġin mill-BĊN u denominati fil-munita nazzjonali tiegħu; u

(b) għandu jitnaqqas il-valur tas-self mhux remunerat marbut ma' karti tal-flus euro *frontloaded* li għadhom ma għew iddebitati (parti mill-element 6 tal-assi tal-HBS).

Wara s-sena rilevanti tal-bidla tal-flus kontanti, għal kull BĊN "karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" tfisser karti tal-flus denominati feuro, bl-esklużjoni ta' karti tal-flus oħrajn.

Jekk id-data tal-bidla tal-flus kontanti huwa jum li fih it-TARGET2 huwa magħluq, il-passiv ta' BĊN li jirriżulta minn karti tal-flus euro li għew *offloaded* skont il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/9 u li daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tal-bidla tal-flus kontanti huwa parti mill-bażi tal-passiv (bħala parti mill-kontijiet korrispondenti taħt l-element tal-passiv 10.4 tal-HBS) sakemm il-passiv isir parti mill-passiv intra-Eurosistema li jirriżulta minn transazzjonijiet TARGET2.

2. Passiv fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbut ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati feuro, jinkludu kull wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kontijiet kurrenti inklużi r-rekwiżiti minimi tar-riżerva taħt l-Artikolu 19.1 tal-Istatut tas-SEBĊ (element tal-passiv 2.1 tal-HBS);

(b) ammonti f' depożiti taħt il-faċilità ta' depożitu tal-Eurosistema (element tal-passiv 2.2 tal-HBS);

(c) depożiti għal terminu fiss (element tal-passiv 2.3 tal-HBS);

(d) passiv li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' rfinar irriversjati (element tal-passiv 2.4 tal-HBS);

(e) depożiti marbutin ma' sejħiet għall-ħlas (element tal-passiv 2.5 tal-HBS).

3. Passiv ta' depożiti fil-konfront ta' kontropartijiet inadempjenti fl-Eurosistema u li għew ikklassifikati mill-ġdid mill-element tal-passiv 2.1 tal-HBS.

4. Passiv fi ħdan l-Eurosistema ta' BĊNi li jirriżulta mill-ħruġ ta' kambjali lill-BĊE li jsostnu l-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE taħt il-Kapitolu 3.3 tal-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 (element tal-passiv 10.2 tal-HBS).

5. Passiv nett intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, inklużi dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni (parti mill-element tal-passiv 10.3 tal-HBS).

6. Passiv nett intra-Eurosistema li jirriżulta minn transazzjonijiet TARGET2 remunerati skont ir-rata ta' referenza (parti mill-element tal-passiv 10.4 tal-HBS).

B. L-ammont tal-bażi tal-passiv ta' kull BĊN huwa kkalkolat skont il-prinċipji u r-regoli armonizzati tal-kontabilità stabbiliti fil-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

ANNEX II

ASSI ASSENJABBLI

A. L-assi assenjabbli jinkludu, bl-esklużjoni ta' kull element ieħor:

1. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbut ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati feuro (element tal-assi 5 tal-HBS).
2. Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja (element tal-assi 7.1 tal-HBS).
3. Klejms intra-Eurosistema ekwivalenti għat-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin li mhumiex deheb lill-BĊE taħt l-Artikolu 30 tal-Istatut tas-SEBĊ (parti mill-element tal-assi 9.2 tal-HBS).
4. Passiv nett intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni inkluż dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni (parti mill-element tal-assi 9.4 tal-HBS).
5. Passiv nett intra-Eurosistema li jirriżulta minn transazzjonijiet TARGET2 remunerati skont ir-rata ta' referenza (parti mill-element tal-assi 9.5 tal-HBS).
6. Deheb, inkluż talbiet fil-konfront ta' deheb trasferit lill-BĊE, f'ammont li jippermetti lil kull BĊN jassenja proporzjon tad-deheb tiegħu li jikkorrispondi għall-applikazzjoni ta' sehm fl-iskema tal-kapital sottoskritt lill-ammont totali ta' deheb assenjabbli mill-BĊNi kollha (element tal-assi 1 u parti mill-element tal-assi 9.2 tal-HBS).

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-deheb huwa vvalutat abbażi tal-prezz tad-deheb feuro għal kull uqija fina fil-31 ta' Diċembru 2002.

7. Passiv li jirriżulta minn karti tal-flus euro li ġew *frontloaded* skont il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/9 u li mbagħad daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tal-bidla tal-flus kontanti (parti mill-element tal-assi 4.1 tal-HBS sad-data tal-bidla tal-flus kontanti u wara parti mill-kontijiet korrispondenti taħt l-element tal-assi 9.5 tal-HBS), iżda biss sakemm dan il-passiv isir parti mill-klejms intra-Eurosistema li jirriżultaw mit-transazzjonijiet TARGET2.
 8. Passiv pendenti li jirriżulta minn inadempjenza ta' kontropartijiet tal-Eurosistema fil-kuntest ta' operazzjonijiet a' kreditu tal-Eurosistema, u/jew attiv jew passiv finanzjarju (fil-konfront ta' partijiet terzi) approprijati u/jew miksuba fil-kuntest ta' operazzjonijiet tar-realizzazzjoni tal-garanzija ppreżentata minn kontropartijiet inadempjenti tal-Eurosistema fil-kuntest ta' kreditu tal-Eurosistema kklassifikati mill-ġdid mill-partita tal-attiv 5 tal-HBS (parti mill-partita tal-attiv 11.6 tal-HBS).
- B. Il-valur tal-assi assenjabbli ta' kull BĊN huwa kkalkolat skont il-prinċipji u r-regoli armonizzati tal-kontabilità stabbiliti fil-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

ANNEX III

A. L-ewwel aġġustament kontinġenti

Jekk il-medja tal-valur totali tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'sena ta' bidla tal-flus kontanti hija aktar baxxa mill-medja tal-valur totali feuro tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni matul il-perijodu ta' referenza (inklużi dawk denominati fil-munita nazzjoanli tal-Istat Membru li adotta l-euro u maqlubin feuro bir-rata ta' referenza kwotidjana tal-kambju barrani matul il-perijodu ta' referenza), imbagħad il-koeffiċjent "S" li japplika għas-sena tal-bidla tal-flus kontanti skont l-Artikolu 4(1) jitnaqqas b'effett retroattiv bl-istess proporzjon bħat-tnaqqis fil-medja totali tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni.

It-tnaqqis ma jistax jirriżulta f'koeffiċjent aktar baxx minn 0,8606735. Jekk din id-deroga tiġi applikata, kwart tat-tnaqqis li jirriżulta fl-ammonti kumpensatorji (Ċ) tal-BĊNi applikabbli fis-sena tal-bidla tal-flus kontanti għandu jżied mal-ammont kumpensatorju ta' kull BĊN applikabbli mit-tieni sal-ħames sena wara s-sena tal-bidla tal-flus kontanti taħt l-Artikolu 4(1).

B. It-tieni aġġustament kontingenti

Jekk dawk il-BĊNi li għalihom l-ammont kumpensatorju msemmi fl-Artikolu 4(1) huwa ċifra pożittiva jħallsu remunerazzjoni nett fuq bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni li tirriżulta fi spiża nett meta miżjuda mal-element "riżultat nett tal-ippuljar tad-dħul monetarju" fil-kont tal-qliġh u t-telf tagħhom fl-aħħar tas-sena, imbagħad il-koeffiċjent "S" li japplika għas-sena tal-bidla tal-flus kontanti skont l-Artikolu 4(1) jitnaqqas sal-punt meħtieġ sabiex tiġi eliminata din il-kundizzjoni.

It-tnaqqis ma jistax jirriżulta f'koeffiċjent aktar baxx minn 0,8606735. Jekk din id-deroga tiġi applikata, kwart tat-tnaqqis li jirriżulta fl-ammonti kumpensatorji (Ċ) tal-BĊNi applikabbli fis-sena tal-bidla tal-flus kontanti għandu jżied mal-ammont kumpensatorju ta' kull BĊN applikabbli mit-tieni sal-ħames sena wara s-sena tal-bidla tal-flus kontanti taħt l-Artikolu 4(1).

ANNEX IV

DEĊIŻJONI REVOKATA U EMENDI SUĊĊESSIVI

| | |
|-----------------------|------------------------------|
| Deċiżjoni BĊE/2001/16 | ĠU L 337, 20.12.2001, p. 55. |
| Deċiżjoni BĊE/2003/22 | ĠU L 9, 15.1.2004, p. 39. |
| Deċiżjoni BĊE/2006/7 | ĠU L 148, 2.6.2006, p. 56. |
| Deċiżjoni BĊE/2007/15 | ĠU L 333, 19.12.2007, p. 86. |
| Deċiżjoni BĊE/2009/27 | ĠU L 339, 22.12.2009, p. 55. |

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Deċiżjoni BĊE/2001/16 | Din id-Deċiżjoni |
|-----------------------|------------------|
| Artikolu 5a | Artikolu 6 |
| Artikolu 6 | Artikolu 7 |

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-13 ta' Diċembru 2010****dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro**

(tfassil mill-ġdid)

(BĊE/2010/29)

(2011/67/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

hemmx distinzjoni bejn karti tal-flus tal-istess denomi-
nazzjoni.Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea, partikolarment l-Artikolu 128(1) tiegħu,

- (5) Il-karti tal-flus kollha tal-euro għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' aċċettazzjoni u pproċessar identiċi mill-membri tal-Eurosistema irrispettivament minn liema membru jkun poġġihom fiċ-ċirkolazzjoni. Il-prattika tar-ripatrijazzjoni tal-karti tal-flus denominati f'unitajiet ta' valuta nazzjonali lill-bank ċentrali li jkun ħariġhom ma tapplikax għall-karti tal-flus tal-euro. Is-sistema għall-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro hija bbażata fuq il-prinċipju ta' non-ripatrijazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro.

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek
Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn "il quddiem
l-Istatut tas-SEBĊ"), u partikolarment l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 128(1) tat-Trattat u l-Artikolu 16 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Unjoni. Taħt dawn id-dispożizzjonijiet, il-BĊE u l-BĊNi jistgħu joħorġu karti tal-flus tal-euro li huma l-uniċi karti tal-flus li għandhom l-istat ta' valuta legali fi ħdan l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-liġi tal-Unjoni ħasbet għal sistema ta' pluralità ta' dawk li joħorġu l-karti tal-flus. Il-BĊE u l-BĊNi joħorġu l-karti tal-flus tal-euro.
- (2) Skont Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro⁽¹⁾, fl-1 ta' Jannar 2002, il-BĊE u l-BĊNi daħħlu fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus denominati feuro. Il-karti tal-flus tal-euro huma espressjonijiet tal-istess munita waħda, u huma soġġetti għal sistema legali waħda.
- (3) Il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro m'għandhomx bżonn ikunu soġġetti għal limiti kwantitattivi jew oħrajn, peress illi t-tqegħid ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni huwa proċess immexxi mit-talba.
- (4) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/4 tal-20 ta' Marzu 2003 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro⁽²⁾ fiha regoli komuni dwar il-karti tal-flus tal-euro. Il-BĊE stabilixxa speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal karti tal-flus tal-euro u miżuri għall-kontroll tal-kwalità sabiex jiżgura illi huma jkunu konformi ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet. Bħala konsegwenza ta' dan, il-karti tal-flus kollha tal-euro għandhom l-istess dehra fiżika u livell ta' kwalità u ma
- (5) Skont l-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, kull bank ċentrali li huwa membru tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali huwa assenjat piż fl-iskema tas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-BĊE, kif stabbiliti mid-Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽³⁾; dan il-piż huwa bbażat fuq il-popolazzjoni u l-prodott domestiku gross ta' kull Stat Membru u jirregola l-kontribuzzjonijiet għall-kapital tal-BĊE, it-trasferimenti tal-assi ta' riżervi barranin tal-BĊNi lill-BĊE, l-alkazzjoni tad-dħul monetarju tal-BĊNi, u d-distribuzzjoni tal-qliġ u l-qsim tat-telf tal-BĊE.
- (7) Il-karti tal-flus tal-euro huma valuta legali fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro u jiċċirkulaw b'mod ħieles fi ħdan iż-żona tal-euro, jinħarġu mill-ġdid mill-membri tal-Eurosistema, u jistgħu ukoll jinħażnu jew jintużaw barra iż-żona tal-euro. Il-passiv fir-rigward tal-ħruġ tal-valur totali ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu għalhekk jiġi allokat lill-membri tal-Eurosistema skont kriterju oġġettiv. Kriterju xieraq huwa s-sehem ta' kull BĊN fil-kapital imħallas bis-sħiħ tal-BĊE. Dan is-sehem jirriżulta minn applikazzjoni proporzjonata tal-iskema kapitali msemmija fl-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ lill-BĊNi. Peress illi dan il-kriterju mhuwiex applikabbli għall-BĊE, is-sehem tal-persentaġġ ta' karti tal-flus tal-euro li jridu jinħarġu mill-BĊE għandu jiġi determinat mill-Kunsill Governattiv.
- (8) Taħt l-Artikoli 9.2 u 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, li jstabbilixxu l-prinċipju ta' deċentralizzazzjoni għall-operazzjonijiet tal-Eurosistema, il-BĊNi huma fdati biex idaħħlu u jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus kollha tal-euro inklużi dawk maħruġin mill-BĊE. Konsistenti ma' dan il-prinċipju, it-trattament fiżiku ta' karti tal-flus tal-euro jsir ukoll mill-BĊNi.

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1 p. 111 sa 115.⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3 p. 246 sa 249.⁽³⁾ ĠU L 21, 24.1.2009, p. 66.

- (9) Id-differenza bejn il-valur ta' karti tal-flus tal-euro allokat li l-kull BĊN skont l-iskema tal-allokkazzjoni tal-karti tal-flus u l-valur tal-karti tal-flus tal-euro li kull BĊN ipoġġi fiċ-ċirkolazzjoni għandha twassal għal bilanċi intra-Eurosistema. Peress illi l-BĊE ma jpoġġix karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, huwa għandu jkollu klejms intra-Eurosistema fir-rigward ta' BĊNi għal valur ekwivalenti għas-sehem ta' karti ta' flus tal-euro li joħroġ. Il-ħlas ta' dawn il-bilanċi intra-Eurosistema għandu jkollu effett fuq il-pożizzjonijiet tad-dħul tal-BĊNi u huwa għalhekk is-suġġett ta' Deċiżjoni BĊE/2010/23 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokkazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (riformulata) ⁽¹⁾, ibbażata fuq Artikolu 32 tal-Istatut tas-SEBĊ.
- (10) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/416/UE tat-13 ta' Lulju 2010 konformi mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011 ⁽²⁾ l-Estonja tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga mogħtija lilha taħt l-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 ⁽³⁾ huma mħassrin b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.
- (11) Peress illi l-Estonja ser tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2011, id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro ⁽⁴⁾ għandha bżonn tiġi emendata sabiex tiġi determinata l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar 2011. Peress illi d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 diġà ġiet emendata bosta drabi hija għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) "BĊN" tfisser il-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro,
- (b) "karti tal-flus tal-euro" tfisser dawk il-karti tal-flus li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' Deċiżjoni BĊE/2003/4 u bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Kunsill Governattiv;

⁽¹⁾ Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 196, 28.7.2010, p. 24

⁽³⁾ Att dwar il-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti fit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

⁽⁴⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10 Vol. 3 p. 54 sa 56.

- (c) "skema tal-kapital sottoskritt" tfisser l-ishma tal-BĊNi (espressi bħala persentaġġi) fil-kapital sottoskritt tal-BĊE li jirriżulta mill-applikazzjoni lill-BĊNi tal-ippeżar fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u kif applikabbli għas-sena finanzjarja relevanti;
- (d) "skema ta'" distribuzzjoni ta' karti tal-flus tfisser il-persentaġġi li jirriżultaw meta wieħed jieħu kont tas-sehem tal-BĊE fil-ħruġ totali ta' karti tal-flus tal-euro u japplika l-iskema ta' kapital sottoskritt (sal-eqreb multiplu ta' 0,0005 ta' punt perċentwali) lis-sehem tal-BĊNi f'dak it-total. Fejn it-total tal-persentaġġi li jirriżultaw ma jilħaqx il-100 %, id-differenza għandha tiġi kkompensata billi: (i) jekk it-total huwa ta' anqas minn 100 %, jiżded 0.0005 ta' punt perċentwali mal-iżgħar ishma f'ordni axxendenti sakemm jintlaħqu l-100 % eżatti, jew (ii) jekk it-total huwa ta' iżjed minn 100 %, billi jitnaqqas 0.0005 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar ishma sakemm jintlaħqu l-100 % eżatti. L-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 2

Ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro

Il-BĊE u l-BĊNi għandhom joħorġu l-karti tal-flus tal-euro.

Artikolu 3

Obbligazzjonijiet tal-emittenti

1. Il-BĊNi għandhom ipoġġu u jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus tal-euro, u jagħmlu kull trattament fiżiku b'rabta mal-karti tal-flus tal-euro kollha, inklużi dawn maħruġin mill-BĊE.
2. Il-BĊNi għandhom jaċċettaw il-karti tal-flus tal-euro kollha fuq talba tad-detentur għall-iskambju ma' karti tal-flus tal-euro tal-istess valur jew, f'każ ta' detenturi ta' kont, biex jiġu kkreditati lil kontijiet miżmumin fil-BĊN li qed jirċevihom.
3. Il-BĊNi għandhom jittrattaw il-karti tal-flus kollha tal-euro aċċettati minnhom bħala passiv u għandhom jipproċessawhom b'mod identiku.
4. Il-BĊNi m'għandhomx jittrasferixxu karti tal-flus tal-euro aċċettati minnhom lil BĊNi oħrajn u għandhom iżommu dawn il-karti tal-flus tal-euro disponibbli għall-ħruġ mill-ġdid. Bħala eċċezzjoni, u skont ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE:

- (a) karti tal-flus tal-euro mqattgħin, iddannegġati, mherrija jew irtirati jistgħu jinqerdu mill-BĊN reċipient; u
- (b) karti tal-flus tal-euro miżmumin minn BĊNi jistgħu, għal raġunijiet ta' loġistika, jiġu mqassmin mill-ġdid fi kwantitajiet kbar fi ħdan l-Eurosistema.

*Artikolu 4***Distribuzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema**

1. Il-valur totali ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu jkun allokati lill-membri tal-Eurosistema bl-applikazzjoni tal-iskema għall-allokazzjoni tal-karti tal-flus.

2. Id-differenza bejn il-valur ta' karti tal-flus tal-euro allokati lil kull BĊN skont l-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus u l-valur tal-karti tal-flus tal-euro li kull BĊN ipoġġi fiċ-ċirkolazzjoni għandha twassal għal bilanċi intra-Eurosistema. Il-BĊE għandu jżomm klejms intra-Eurosistema fuq BĊNi b'mod proporzjonat mal-ishma tagħhom fl-iskema tal-kapital sottokritt, għal valur ekwivalenti għall-valur tal-karti tal-flus tal-euro li joħroġ.

*Artikolu 5***Revoka**

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 hija revokata. Referenzi għad-Deċiżjoni revokata għandhom jinftehemu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Diċembru 2010.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX I

SKEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2011

| | |
|--|------------|
| Bank Ċentrali Ewropew | 8,0000 % |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 3,1895 % |
| Deutsche Bundesbank | 24,8995 % |
| Eesti Pank | 0,2355 % |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 1,4605 % |
| Bank of Greece | 2,5835 % |
| Banco de España | 10,9185 % |
| Banque de France | 18,6985 % |
| Banca d'Italia | 16,4310 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1800 % |
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,2295 % |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0830 % |
| De Nederlandsche Bank | 5,2440 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 2,5530 % |
| Banco de Portugal | 2,3015 % |
| Banka Slovenije | 0,4325 % |
| Národná banka Slovenska | 0,9115 % |
| Suomen Pankki | 1,6485 % |
| TOTAL | 100,0000 % |

ANNEX II

DEĊIŻJONI REVOKATA U EMENDI SUĊĊESSIVI

| | |
|-----------------------|--|
| Deċiżjoni BĊE/2001/15 | ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 10, Vol. p. 54 – 56. |
| Deċiżjoni BĊE/2003/23 | ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Chapter 10 Vol. 3 p. 339 – 340. |
| Deċiżjoni BĊE/2004/9 | ĠU L 205, 9.6.2004, p. 17. |
| Deċiżjoni BĊE/2006/25 | ĠU L 24, 31.1.2007, p. 13. |
| Deċiżjoni BĊE/2007/19 | ĠU L 1, 4.1.2008, p. 7. |
| Deċiżjoni BĊE/2008/26 | ĠU L 21, 24.1.2009, p. 75. |

LINJI GWIDA

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Novembru 2010

dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali

(tfassil mill-ġdid)

(BĊE/2010/20)

(2011/68/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn "il quddiem l-Istatut tas-SEBĊ"), u partikolarment l-Artikoli 12.1, 14.3 u 26.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont it-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-SEBĊ,

Billi:

- (1) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 tal-10 ta' Novembru 2006 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali ⁽¹⁾ ġiet emendata b'mod sostanzjali bosta drabi. Peress illi għandhom isiru aktar emendi, partikolarment fir-rigward tal-*hedging* tar-riskju tar-rata ta' imgħax u r-rivalutazzjoni ta' investimenti SDR, hija għandha tiġi riformulata fl-interessi taċ-ċarezza.
- (2) Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) hija suġġetta għal obbligi ta' rappurtar taħt l-Artikolu 15 tal-Istatut tas-SEBĊ.
- (3) Skont l-Artikolu 26.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv iħejji karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-SEBĊ għal finijiet analitiċi u operattivi.
- (4) Skont l-Artikolu 26.4 tal-Istatut tas-SEBĊ, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 26 il-Kunsill Governattiv jistabbilixxi r-regoli neċessarji għall-istandardizzar tal-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju tal-operazzjonijiet imwettqa mill-BĊNi.

- (5) L-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, ir-remunerazzjoni ta' assi/passiv nett intra-Eurosistema li jirriżulta mill-allokkazzjoni ta' karti tal-flus euro fi ħdan l-Eurosistema, u d-dħul monetarju għandhom ikunu armonizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ppubblikati mill-BĊNi,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:
 - (a) "BĊN" tfisser il-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;
 - (b) "finijiet ta' kontabilità u ta' rappurtar finanzjarju" tfisser il-finijiet li għalihom il-BĊE jipproduċi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji elenkati fl-Anness I skont l-Artikoli 15 u 26 tal-Istatut tas-SEBĊ;
 - (c) "entità ta' rappurtar" tfisser il-BĊE jew BĊN;
 - (d) "data tar-rivalutazzjoni trimestrali" tfisser id-data tal-aħħar jum kalendarju ta' trimestru;
 - (e) "konsolidazzjoni" tfisser il-proċess ta' kontabilità fejn il-figuri finanzjarji ta' entitajiet legali separati varji huma aggregati daqslikielku kienu entità waħda;
 - (f) "sena tal-bidla tal-flus kontanti" tfisser perijodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha l-karti tal-flus u l-munita euro jakkwistaw l-istat ta' valuta legali fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

⁽¹⁾ ĠU L 348, 11.12.2006, p. 1.

- (g) "skema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus" tfisser il-persentaġġi li jirriżultaw mill-kunsiderazzjoni tas-sehem tal-BĊE fil-ħarġa totali tal-karti tal-flus tal-euro u l-applikazzjoni tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital għas-sehem tal-BĊNi f'dak it-total, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro ⁽¹⁾;
- (h) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser jew: (a) istituzzjoni ta' kreditu fl-ambitu tat-tifsira ta' Artikolu 2 u Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽²⁾, kif implimentata fil-liġi nazzjonali, li hija suġġetta għas-superviżjoni minn awtorità kompetenti, jew (b) istituzzjoni ta' kreditu oħra fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 123(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li hija suġġetta għall-iskrutinju ta' standard paragonabbli mas-superviżjoni minn awtorità kompetenti.

2. Id-Definizzjonijiet ta' termini tekniċi oħra użati f'din il-Linja ta' Gwida huma mehmużin bħala Anness II.

Artikolu 2

Skop tal-applikazzjoni

1. Din il-Linja ta' Gwida għandha tapplika għall-BĊE u għall-BĊNi għall-finijiet tal-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju.

2. L-iskop tal-applikazzjoni ta' din il-Linja ta' Gwida għandu jkun limitat għas-sistema ta' kontabilità u rappurtar finanzjarju stabbilita mill-Istatut tas-SEBĊ. Bħala konsegwenza, hija m'għandhiex tapplika għar-rapporti nazzjonali u l-kontijiet finanzjarji tal-BĊNi. Sabiex tinkiseb il-konsistenza u l-paragunabilità bejn l-Eurosistema u s-sistemi nazzjonali, huwa rrakkomandat li l-BĊNi għandhom, sa fejn possibbli, isegwu r-regoli stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida għar-rapporti nazzjonali u l-kontijiet finanzjarji tagħhom.

Artikolu 3

Prinċipji bażiċi tal-kontabilità

Il-prinċipji tal-kontabilità fundamentali li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) realtà ekonomika u trasparenza: il-metodi tal-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju għandhom jirriflettu r-realtà ekonomika, ikunu trasparenti u jirrispettaw il-karatteristiċi kwalitattivi ta' leġibilità, rilevanza, affidabilità u paragunabilità. Għandu jingħata kont tat-tranżazzjonijiet u għandhom ikunu ppreżentati skont is-sustanza u r-realtà ekonomika tagħhom u mhux biss bil-forma legali tagħhom;
- (b) prudenza: il-valutazzjoni tal-assi u tal-passiv u r-rikonoxximent tad-dħul għandhom isiru bi prudenza. Fil-kuntest ta' din il-Linja ta' Gwida, dan jimplika li qligħ mhux realizzat m'għandux ikun rikonoxxut bħala dħul fil-kont tal-qligħ u t-telf, imma għandu jkun irreġistrat direttament f'kont ta' rivalutazzjoni u li fi tmiem is-sena telf mhux realizzat

għandu jittieħed fil-kont tal-qligħ u t-telf jekk huwa jaqbeż il-qligħ ta' rivalutazzjoni rreġistrat preċedentement fil-kont korrispondenti tar-rivalutazzjoni. Riżervi moħbija jew stqarrija ħażina intenzjonata ta' elementi fil-karta tal-bilanċ u fil-kont tal-qligħ u t-telf għandhom ikunu inkonsistenti mal-prinċipju tal-prudenza;

- (c) ġrajjiet ta' wara l-karta tal-bilanċ: l-assi u l-passiv għandhom jiġu aġġustati għall-ġrajjiet li jseħħu bejn id-data tal-karta tal-bilanċ annwali u d-data li fiha d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jiġu approvati mill-entitajiet rilevanti jekk huma jaffettwaw il-kundizzjoni tal-assi jew il-passiv fid-data tal-karta tal-bilanċ. M'għandu jsir l-ebda aġġustament għall-assi jew il-passiv, iżda għandu jkun hemm żvelar ta' dawk il-ġrajjiet li jseħħu wara d-data tal-karta tal-bilanċ jekk ma jaffettwawx il-kundizzjoni tal-assi u l-passiv fid-data tal-karta tal-bilanċ, imma huma ta' tali importanza li n-nuqqas ta' żvelar jaffettwa l-abbiltà tal-utenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji biex jagħmlu valutazzjonijiet u deċiżjonijiet xierqa;

- (d) materjalità: devjazzjonijiet mir-regoli tal-kontabilità, inklużi dawk li jaffettwaw il-kalkolu tal-kontijiet tal-qligħ u t-telf tal-BĊNi individwali u tal-BĊE, għandhom jitħallew biss jekk huma jistgħu jiġu raġjonevolment meqjusin bħala immaterjali fil-kuntest sħiħ u fil-preżentazzjoni tal-kontijiet finanzjarji tal-entità tar-rappurtar;

- (e) fuq il-bażi ta' negożju avvjat: il-kontijiet għandhom jitħejjew fuq il-bażi ta' negożju avvjat;

- (f) il-prinċipju tad-dovuti: id-dħul u l-ispejjeż għandhom ikunu rikonoxxuti fil-perijodu tal-kontabilità li fih jidħlu jew isiru u mhux fil-perijodu li huma jiġu riċevuti jew imħallsa;

- (g) konsistenza u komparabilità: il-kriterji għall-valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ u rikonoxximent tad-dħul għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti f'dak li jirrigwarda l-komunalità u l-kontinwità tal-metodu fi ħdan l-Eurosistema biex tiġi żgurata l-komparabilità tad-dejta fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Artikolu 4

Rikonoxximent tal-assi u l-passiv

Attiv/passiv finanzjarju jew ieħor għandu jkun rikonoxxut biss fil-karta tal-bilanċ tal-entità tar-rappurtar meta jkun sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) huwa probabbli li kwalunkwe benefiċċju ekonomiku futur assoċjat mal-element tal-attiv jew il-passiv se jiċċaqlaq lejn jew mill-entità tar-rappurtar;

- (b) sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-attiv jew il-passiv ikunu ġew ittrasferiti lill-entità tar-rappurtar;

- (c) l-ispiża jew il-valur tal-attiv għall-entità ta' rappurtar jew l-ammont tal-obbligazzjoni jistgħu jitkejlu b'mod affidabbli.

⁽¹⁾ Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali. Deċiżjoni BĊE/2010/29 adottata qabel il-pubblikazzjoni tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20.

⁽²⁾ ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

Artikolu 5

Metodi ekonomiċi u metodi ta' kontabilità skont id-data tal-ħlas

1. Il-metodu ekonomiku għandu jintuża bħala l-bażi għar-reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet tal-kambju, strumenti finanzjarji ddenominati f'valuta barranija u dovuti relatati. Żewġ tekniċi differenti ġew żviluppati biex jimplementaw dan il-metodu:

(a) il-"metodu regolari" kif stabbilit fil-Kapitoli III u IV u fl-Anness III; u

(b) il-"metodu alternattiv" kif stabbilit fl-Anness III.

2. Tranżazzjonijiet ta' titoli nklużi strumenti ta' ishma azzjonarji ddenominati f'valuta barranija jistgħu jkomplu jiġu rreġistrati skont il-metodu ta' kontabilità skont id-data tal-ħlas. L-imġax relatat akkumulat inklużi primjums jew skontijiet għandhom ikunu rreġistrati ta' kuljum mid-data tal-pagament immedjat.

3. Il-BĊNi jistgħu jużaw jew il-metodu ekonomiku jew il-metodu tal-kontabilità skont id-data tal-ħlas biex jirreġistraw tranżazzjonijiet speċifiċi ddenominati f'euro, strumenti finanzjarji u dovuti relatati.

4. Bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti tal-kontabilità ta' tmiem it-trimestru u ta' tmiem is-sena u tal-elementi żvelati taħt "Assi oħrajn" u "Passiv ieħor", l-ammonti ppreżentati bħala parti mir-rappurtar finanzjarju ta' kuljum għall-finijiet ta' rappurtar finanzjarju tal-Eurosistema għandhom juru biss iċ-ċaqliq tal-flus kontanti fl-elementi tal-karta tal-bilanċ.

KAPITOLU II

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

Artikolu 6

Kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ

Il-kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊNi għal finijiet ta' rappurtar finanzjarju tal-Eurosistema għandha tkun ibbażata fuq l-istruttura stabbilita fl-Anness IV.

Artikolu 7

Regoli tal-valutazzjoni għall-karta tal-bilanċ

1. Ir-rati u l-prezzijiet preżenti tas-suq għandhom jintużaw għal finijiet ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Anness IV.

2. Ir-rivalutazzjoni ta' deheb, strumenti ta' munita barranija, titoli minbarra dawk ikklassifikati bħala miżmumin sal-maturità u titoli mhux negozjabbli kif ukoll strumenti finanzjarji, kemm dawk li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ kif dawk barra l-karta tal-bilanċ, għandha titwettaq kif inhi fid-data tar-rivalutazzjoni trimestrali bir-rati u l-prezzijiet medji tas-suq. Dan m'għandux

jipprekludi lil entitajiet ta' rappurtar milli jirivalutaw il-portafolli tagħhom b'mod aktar frekwenti għal finijiet interni, sakemm huma jirrapportaw elementi fil-karti tal-bilanċ tagħhom biss skont il-valur tat-tranżazzjoni matul it-trimestru.

3. M'għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn id-differenzi fil-prezz u r-rivalutazzjoni tal-valuta għad-deheb, iżda għandu jingħata kont għal differenza fir-rivalutazzjoni tad-deheb, ibbażata fuq il-prezz f'euro għal kull unità definita tal-piż tad-deheb li jirriżulta mir-rata tal-kambju euro/dollaru Amerikan fid-data tar-rivalutazzjoni trimestrali. Għall-kambju barrani, inklużi tranżazzjonijiet li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ u dawk barra l-karta tal-bilanċ, ir-rivalutazzjoni għandha ssir fuq bażi ta' valuta b'valuta. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, investimenti f'SDRs, inklużi investimenti individwali f'kambju barrani indikat bħala bażi għall-basket SDR, għandhom jiġu trattati bħala investiment wieħed. Għal titoli, ir-rivalutazzjoni għandha sseħħ fuq bażi ta' kodiċi b'kodiċi, jiġifieri l-istess numru/tip ISIN. Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja jew inklużi fl-elementi "Assi finanzjarji oħrajn" jew "Varji" għandhom jiġu trattati bħala investimenti separati.

4. Reġistrazzjonijiet ta' rivalutazzjoni għandhom jiġu mreġġ-għin lura fi tmiem it-trimestru li jmiss, ħlief għal telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena; matul it-trimestru kwalunkwe tranżazzjoni għandha tiġi rrap-purtati skont il-prezzijiet u rati tat-tranżazzjoni.

5. Titoli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità għandhom jiġu trattati bħala investimenti separati, jiġu vvalu-tati bħala spejjeż ammortizzati u jkunu soġġetti għall-indeboliment. L-istess trattament għandu jingħata lil titoli li mhumiex negozjabbli. Titoli klassifikati bħala miżmumin sal-maturità jistgħu jinbiegħu qabel il-maturità tagħhom f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk il-kwantità mibjugħa hija meqjusa bħala mhux sinifi-kanti meta mqabbla mal-ammont totali tal-portafoll ta' titoli miżmumin sal-maturità;

(b) jekk it-titoli jinbiegħu matul ix-xahar tad-data tal-maturità;

(c) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal deterjorazzjoni sinifikanti tal-kredibilità ta' min joħroġhom, jew wara deċizzjoni espliċita dwar il-politika monetarja tall-Kunsill Governattiv.

Artikolu 8

Transazzjonijiet b'lura

1. Tranżazzjoni b'lura imwettqa skont ftehim għal xiri mill-ġdid għandha tkun irreġistrata bħala depożitu riċevut iggarantit fin-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, filwaqt li l-element li jkun ġie pprovdut bħala garanzija għandu jibqa' fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ. Titoli mibjugħa li għandhom jinxtraw mill-ġdid skont ftehim għal xiri mill-ġdid għandhom ikunu trattati mill-entità ta' rappurtar, li tintalab biex tixtrihom mill-ġdid, bħal li kieku l-assi in kwistjoni kienu għandhom parti mill-portafoll li minnha huma jkunu nbiegħu.

2. Tranżazzjoni b'lura mwettqa skont ftehim għal xiri mill-ġdid b'lura għandha tkun irreġistrata bħala self 'il barra iggarantit fin-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ għall-ammont tas-self. Titoli akkwistati skont ftehim għal xiri mill-ġdid b'lura m'għandhomx ikunu rivalutati u l-ebda qligħ jew telf li jirriżulta m'għandu jitqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf mill-entità ta' rappurtar li ssellef il-fondi.

3. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli, it-titoli għandhom jibqgħu fil-karta tal-bilanċ ta' min jittrasferixxi. Il-kontabilità ta' dawn it-tranżazzjonijiet għandha ssir bl-istess mod bħal dik preskritta għal operazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid. Jekk, madankollu, it-titoli li tissellef l-entità ta' rappurtar li taġixxi bħal min jirċievi t-trasferiment ma jinżammux fil-kont tal-kustodja tagħha fi tmiem is-sena, min jirċievi t-trasferiment għandu jistabbilixxi provvedimenti għat-telf jekk il-valur tas-suq tat-titoli sottostanti jkun tela' mid-data tal-kuntratt tat-tranżazzjoni tas-self. Min jittrasferixxi għandu juri passività għat-trasferiment mill-ġdid tat-titoli jekk sadanittant it-titoli jkunu nbiegħu.

4. Tranżazzjonijiet fid-deheb iggarantiti għandhom ikunu ttrattati bħala ftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-flussi tad-deheb li għandhom x'jaqsmu ma' dawn it-tranżazzjonijiet iggarantiti m'għandhomx ikunu rreġistrati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji u d-differenza bejn il-prezzijiet immedjati u dawk bil-quddiem tat-tranżazzjoni għandha tkun ittrattata fuq il-bażi tal-akkumulazzjonijiet.

5. Tranżazzjonijiet b'lura, inklużi tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli, imwettqa skont programm awtomatiku ta' self ta' titoli għandhom ikunu rreġistrati biss fuq il-karta tal-bilanċ fejn il-garanzija hija pprovduta fil-forma ta' flus kontanti fuq kont tal-BĊN rilevanti jew il-BĊE.

Artikolu 9

Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli, jiġifieri ishma azzjonarji jew fondi azzjonarji, kemm jekk it-tranżazzjonijiet huma mwettqa direttament minn entità ta' rappurtar kemm jekk permezz ta' aġent tagħha, bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet imwettqa għal fondi tal-pensjoni, interessi parteċipanti, investimenti f'sussidjarji, interessi sinifikanti jew interessi sinifikanti.

2. Strumenti ta' ishma azzjonarji denominati f'valuti barranin u ppubblikati taħt "Assi oħrajn" m'għandhomx jiffurmaw parti mill-qagħda sħiħa tal-valuta imma għandhom ikunu parti minn investiment f'valuta separata. Il-kalkolu tal-qligħ u t-telf tal-kambju relatat jista' jitwettaq jew fuq il-metodu tal-kost medju nett jew fuq il-metodu tal-kost medju.

3. Ir-rivalutazzjoni ta' portafolli ta' ishma għandha titwettaq skont l-Artikolu 7(2). Ir-rivalutazzjoni għandha sseħħ fuq bażi ta' element b'element. Għal fondi azzjonarji, ir-rivalutazzjoni tal-prezz għandha titwettaq fuq bażi netta, u mhux fuq bażi individwali ta' sehem b'seħem. Ma għandu jkun hemm ebda

innettjar bejn ishma azzjonarji differenti jew bejn fondi azzjonarji differenti.

4. It-tranżazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ skont il-prezz tat-tranżazzjoni.

5. Il-kummissjoni tas-sensurija tista' tiġi rreġistrata kemm bħala kost tat-tranżazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-prezz tal-attiv, jew bħala spiża fil-kont tal-qligħ u t-telf.

6. L-ammont tad-dividend mixtri għandu jkun inkluż fil-kost tal-istrument azzjonarju. Fid-data ex-dividend, l-ammont tad-dividend mixtri jista' jiġi ttrattat bħala element separat sakemm il-ħlas tad-dividend ikun wasal.

7. Akkumulazzjonijiet fuq dividends m'għandhomx jiġu rreġistrati fl-aħħar tal-perijodu billi huma diġà riflessi fil-prezz tas-suq tal-istrumenti tal-ishma azzjonarji bl-eċċezzjoni tal-ishma azzjonarji kkwotati ex-dividend.

8. Il-ħruġ ta' ishma għandu jiġi ttrattat bħala attiv separat meta jinħareġ. Il-kost tal-akkwist għandu jiġi kkalkulat skont il-prezz medju eżistenti tal-ishma azzjonarji, skont il-prezz *strike* tal-akkwist il-ġdid, u skont il-proporzjon bejn ishma azzjonarji eżistenti u dawk ġodda. Alternattivament, il-prezz tad-dritt jista' jkun ibbażat fuq il-valur fis-suq tad-dritt, il-kost medju eżistenti tal-ishma azzjonarji u l-prezz tas-suq tal-ishma azzjonarji qabel il-ħruġ tad-dritt.

Artikolu 10

Hedging tar-riskju tar-rata ta' imgħax fuq titoli b'derivati

1. Il-*hedging* tar-riskju tar-rata ta' imgħax fuq titolu b'derivat tfisser l-indikazzjoni ta' derivat sabiex il-bidla fil-valur ġust tiegħu tpaċi għall-bidla mistennija fil-valur ġust tat-titolu *hedged* li tirriżulta miċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax.

2. Strumenti *hedged* jew tal-*hedging* għandhom jiġu rikonoxxuti u ttrattati skont id-dispożizzjonijiet ġenerali, ir-regoli tal-valutazzjoni, ir-rikonoxximent tad-dħul u rekwiżiti speċifiċi għall-istrument stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida.

3. B'deroga mill-Artikolu 3(b), l-Artikoli 7(3), 13(1) u 13(2), l-Artikolu 14(1)(b) u 14(2)(d) u l-Artikolu 15(2), it-trattament alternattiv li ġej jista' jiġi applikat għall-valutazzjoni ta' titolu *hedged* u ta' derivat tal-*hedging*:

(a) It-titolu u-derivat għandhom jiġu t-tnejn irivalutati u murija bil-valuri tagħhom tas-suq fil-karta tal-bilanċ fl-aħħar ta' kull trimestru. Il-metodu ta' valutazzjoni assimetrika li ġej għandu jiġi applikat lill-ammont nett ta' qligħ/telf mhux realizzat fuq l-istrumenti *hedged* u tal-*hedging*.

(i) telf mhux realizzat nett għandu jittieħed fil-kont tal-qligħ u t-telf fl-aħħar tas-sena u huwa rrakkomandat illi jiġi ammortizzat fuq il-kumpliment tal-ħajja tal-istrument *hedged*; u

(ii) qligħ nett mhux realizzat għandu jiġi rreġistrat fuq kont ta' rivalutazzjoni u mreġġa' lura fid-data tar-rivalutazzjoni li jmiss

(b) *Hedge* ta' titolu diġà possedut: jekk il-kost medju ta' titolu *hedged* huwa differenti mill-prezz tas-suq tat-titolu fil-ħolqien tal-*hedge*, għandu jiġi applikat it-trattament li ġej:

(i) qligħ mhux realizzat tat-titolu f'dik id-data għandu jiġi rreġistrat fuq kont ta' rivalutazzjoni fil-waqt li telf mhux realizzat għandu jittieħed fil-kont tal-qligħ u t-telf; u

(ii) id-dispożizzjonijiet ta' punt (a) għandhom japplikaw għall-bidliet fil-valuri tas-suq wara d-data tal-ħolqien tar-relazzjoni tal-*hedging*.

(c) Huwa rakkomandat illi l-bilanċ tal-primjums mhux ammortizzati u tal-iskonti, fid-data meta jitwaqqaf il-*hedge*, jiġi ammortizzati fuq il-kumpliment tal-ħajja tal-istrument *hedged*.

4. Meta l-kontabilità tal-*hedge* tinqata', it-titolu u d-derivat li jibqgħu fil-kotba tal-entità tar-rappurtar għandhom jiġu vvalutati bħala strumenti indipendenti sa mid-data tal-qtugħ tal-kontinuità skont ir-regoli ġenerali stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida.

5. It-trattament alternattiv speċifikat fil-paragrafu 3 jista' jiġi applikat biss jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) Fil-ħolqien tal-*hedge* ikun hemm dokumentazzjoni formali dwar ir-relazzjoni ta' *hedging* u l-għan tal-ġestjoni tar-riskju u l-istrateġija biex isir il-*hedge*. Dik id-dokumentazzjoni għandha tinkludi kull waħda minn dawn li ġejjin: (i) l-identifikazzjoni tad-derivat użat bħala strument tal-*hedging*; (ii) l-identifikazzjoni tat-titolu *hedged* relatat; u (iii) valutazzjoni tal-effikaċja tad-derivat fit-tpaċija tal-iskopertura għal bidliet fil-valur ġust tat-titolu attribwibbli lir-riskju tar-rata ta' imgħax.

(b) Il-*hedge* huwa mistenni li jkun effettiv ħafna u l-effikaċja tal-*hedge* tista' titkejjel b'mod affidabbli. Għandhom jiġu vvalutati kemm l-effett prospettiv kif ukoll dak retrospektiv. Huwa rakkomandat illi:

(i) l-effett prospettiv jitkejjel billi l-bidliet passati fil-valur ġust tal-element *hedged* jitqabblu ma' bidliet passati fil-valur ġust tal-istrument tal-*hedging*, jew billi tintwera korrelazzjoni statistika għolja bejn il-valur ġust tal-element *hedged* u l-valur ġust tal-istrument tal-*hedging*; u

(ii) l-effett retrospektiv jintwera jekk il-proporzjon bejn il-qligħ/it-telf attwali fuq l-element *hedged* u t-telf/il-qligħ attwali fuq l-element tal-*hedging* huwa fl-ambitu ta' 80 % - 125 %.

6. Dan li ġej għandu japplika għall-*hedging* ta' grupp ta' titoli: titoli b'rati ta' imgħax simili jistgħu jiġu aggregati u *hedged* bħala grupp biss jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-titoli ghandhom terminu simili;

(b) il-grupp ta' titoli huwa konformi mat-test tal-effikaċja kemm prospettivament kif ukoll retrospektivament;

(c) il-bidla fil-valur ġust attribwibbli lir-riskju *hedged* għal kull titolu tal-grupp huwa mistenni li jkun approssimattivament proporzjonali għall-bidla totali fil-valur ġust attribwibbli lir-riskju *hedged* tal-grupp ta' titoli.

Artikolu 11

Strumenti sintetiċi

1. Strumenti magħqudin biex jiffurmaw strument sintetiku għandhom jiġu rikonossuti u ttrattati separatament minn strumenti oħrajn, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali, ir-regoli tal-valutazzjoni, ir-rikonossiment tad-dħul u rekwiżiti speċifiċi għall-istrument stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida.

2. B'deroga mill-Artikolu 3(b) u l-Artikoli 7(3), 13(1) u 15(2), it-trattament alternattiv li ġej jista' jiġi applikat għall-valutazzjoni ta' strumenti sintetiċi:

(a) qligħ u telf mhux realizzat tal-istrumenti magħqudin biex jiffurmaw strument sintetiku huma nnettjati fl-aħħar tas-sena. F'dan il-każ, telf nett mhux realizzat għandu jkun irreġistrat f'kont tar-rivalutazzjoni Telf nett mhux realizzat għandu jittieħed fil-kont tal-qligħ u t-telf jekk ikun jeċċedi l-qligħ ta' rivalutazzjoni nett preċedenti rreġistrat fil-kont korrispondenti tar-rivalutazzjoni.

(b) titoli miżmumin bħala parti minn strument sintetiku m'għandhomx jiffurmaw parti mill-investment ġenerali ta' dawn it-titoli imma għandhom ikunu parti minn investment separat.

(c) telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf fl-aħħar tas-sena u l-qligħ mhux realizzat korrispondenti għandu jiġi ammortizzati separatament fis-snin sussegwenti.

3. Jekk wieħed mill-istrumenti magħqudin jiskadi, jinbiegħ, jintemm jew jitħaddem, l-entità tar-rappurtar m'għandhiex tkompli prospettivament it-trattament alternattiv speċifikat fil-paragrafu 2 u kull qligħ mill-valutazzjoni mhux ammortizzati li jkun ġie kkreditat fil-kont tal-qligħ u t-telf fi snin preċedenti għandu jiġi mreggħa' lura immedjatament.

4. It-trattament alternattiv speċifikat fil-paragrafu 2 jista' jiġi applikat biss jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-istrumenti individwali huma ġġestiti u l-eżekuzzjoni tagħhom hija vvalutata bħala strument wieħed magħqud, ibbażat fuq strateġija għall-ġestjoni tar-riskju jew waħda għall-investment;
- (b) wara r-rikonoxximent inizjali, l-istrumenti individwali huma strutturati u indikati bħala strument sintetiku;
- (c) l-applikazzjoni tat-trattament alternattiv telimina jew tnaqqas b'mod sinifikanti inkonsistenza fil-valutazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' regoli ġenerali stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida flivell ta' strument individwali;
- (d) id-disponibbiltà ta' dokumentazzjoni formali tippermetti t-twettiq tal-verifika tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c).

Artikolu 12

Karti tal-flus

1. Għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Istatut tas-SEBĊ, m'għandux ikun hemm kontabilità ta' karti tal-flus ta' Stati Membri oħra li l-valuta tagħhom hija l-euro miżmumin minn BĊN bħala karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni, iżda bħala bilanċi intra-Eurosystema. Il-proċedura għat-trattament tal-karti tal-flus ta' Stati Membri oħra parteċipanti għandha tkun din li ġejja:

- (a) il-BĊN li jirċievi l-karti tal-flus iddenominati f'unitajiet ta' valuti nazzjonali taż-żona tal-euro maħruġa minn BĊN ieħor għandu jinnotifika ta' kuljum lill-BĊN li qed jagħmel il-ħruġ bil-valur tal-karti tal-flus imħallsin biex jiġu skambjati, ħlief meta xi volum kwotidjan partikolari huwa baxx. Il-BĊN li qed jagħmel il-ħruġ għandu joħroġ ħlas korrispondenti lill-BĊN li jirċievihom permezz tat-TARGET2; u
- (b) l-aġġustament tal-figuri tal-"karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" għandu jseħħ fil-kotba tal-BĊN li jagħmel il-ħruġ hekk kif jirċievi n-notifika fuq msemmija.

2. Il-figura ta' "karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fil-karti tal-bilanċ tal-BĊNi għandha tkun ir-riżultat ta' tliet komponenti:

- (a) il-valur mhux aġġustat ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, inklużi l-karti tal-flus tas-sena tal-bidla tal-flus kontanti ddenominati f'unitajiet ta' valuta nazzjonali taż-żona tal-euro għall-BĊN li jadotta l-euro, li għandu jkun ikkalkulat skont wieħed minn dawn iż-żewġ metodi li ġejjin:

Metodu A: $B = P - D - N - S$

Metodu B: $B = I - R - N$

Fejn:

- B huwa l-valur mhux aġġustat ta' "karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni"
- P huwa l-valur tal-karti tal-flus maħdumin jew riċevuti mill-istampatur jew BĊNi oħra
- D huwa l-valur tal-karti tal-flus meqrudin
- N huwa l-valur ta' karti tal-flus nazzjonali tal-BĊN li jagħmel il-ħruġ miżmumin minn BĊNi oħrajn (notifikati imma għadhom mhux ripatrijati)
- I huwa l-valur tal-karti tal-flus imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni
- R huwa l-valur tal-karti tal-flus riċevuti
- S huwa l-valur ta' karti tal-flus fil-ħażna/kamra tas-sigurtà;

- (b) bit-tnaqqis tal-ammont tal-klejm mhux irremunerata fil-konfront tal-bank ECI marbuta mal-programm *Extended Custodial Inventory* (ECI), f'każ ta' trasferiment ta' proprjetà tal-karti tal-flus marbutin mal-programm ECI;

- (c) biż-żieda jew it-tnaqqis tal-ammont tal-aġġustamenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-iskema tal-allokkazzjoni tal-karti tal-flus.

KAPITOLU III

RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL

Artikolu 13

Rikonoxximent tad-dħul

1. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għar-rikonoxximent tad-dħul:

- (a) qligħ realizzat u telf realizzat għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf;
- (b) qligħ mhux realizzat m'għandux ikun rikonoxxut bħala dħul, imma għandu jkun irreġistrat direttament f'kont tar-rivalutazzjoni;
- (c) fi tmiem is-sena telf mhux realizzat għandu jittieħed fil-kont tal-qligħ u t-telf jekk jeċċedi l-qligħ tar-rivalutazzjoni preċedenti rreġistrat fil-kont korrispondenti tar-rivalutazzjoni;
- (d) telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf m'għandux jitreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra qligħ ġdid mhux realizzat;
- (e) m'għandu jkun hemm l-ebda innettjar ta' telf mhux realizzat fi kwalunkwe titolu, jew fi kwalunkwe valuta jew finvestimenti f'deheb kontra qligħ mhux realizzat f'titoli jew valuti oħrajn jew deheb;

(f) fl-aħħar tas-sena, telf minħabba indeboliment għandu jittieħed fil-kont tal-qligħ u t-telf u m'għandux jiġi mreggħa' lura fi snin sussegwenti sakemm ma jonqosx l-indeboliment u n-nuqqas jista' jintrabat ma' avveniment osservabbli li seħħ wara li l-indeboliment ikun ġie rreġistrat għall-ewwel darba.

2. Primjums jew skontijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġin u mixtrija għandhom ikunu kkalkulati u ppreżentati bħala parti mid-dħul tal-imgħax u għandhom ikunu ammortizzati matul il-kumplament tal-ħajja tat-titoli, jew skont il-metodu *straight-line* jew skont il-metodu tar-rata interna tad-dħul (IRR). Il-metodu IRR għandu, madankollu, jkun mandatorju għal titoli bi skont li jkun għad fadlilhom aktar minn sena biex jimmaturow fil-mument tal-akkwist.

3. Akkumulazzjonijiet għal assi u passiv finanzjarji, eż. imgħax pagabbli u primjums/skontijiet ammortizzati ddenominati f'valuta barranija għandhom ikunu kkalkulati u rreġistrati fil-kontijiet fuq bażi kwotidjana, fuq il-baży tal-aħħar rati disponibbli. Akkumulazzjonijiet għal assi u passiv finanzjarji ddenominati feuro għandhom ikunu kkalkulati u rreġistrati fil-kontijiet mill-anqas kull trimestru. Akkumulazzjonijiet għal elementi oħrajn għandhom ikunu kkalkulati u rreġistrati fil-kontijiet mill-anqas ta' kull sena.

4. Irrispettivament mill-frekwenza tal-kalkolu tal-akkumulazzjonijiet imma suġġetti għall-eċċezzjonijiet imsemija fl-Artikolu 5(4) l-entitajiet ta' rappurtar għandhom jirrapurtaw id-dejta skont il-valur tat-tranżazzjoni matul it-trimestru.

5. Akkumulazzjonijiet iddenominati f'valuti barranin għandhom jinqalbu skont ir-rata tal-kambju tad-data tar-reġistrazzjoni u għandhom ikollhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-valuta.

6. Ġeneralment, għall-kalkolu tal-akkumulazzjonijiet matul is-sena tista' tapplika l-prattika lokali, jiġifieri jistgħu jkunu kkalkulati jew sal-aħħar jum ta' negozju jew sal-aħħar jum tal-kalendarju tat-trimestru. Madankollu, fi tmiem is-sena id-data ta' referenza mandatorja għandha tkun il-31 ta' Diċembru.

7. *Outflows* tal-valuta li jimplikaw bidla fl-investment ta' valuta partikolari jistgħu jwasslu għal qligħ jew telf realizzati fil-kambju.

Artikolu 14

Prezz tat-tranżazzjonijiet

1. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għall-prezz tat-tranżazzjonijiet:

- il-metodu tal-kost medju għandu jintuża fuq baży kwotidjana għal deheb, strumenti u titoli f'valuta barranija, biex tiġi kkalkulat il-kost tal-akkwist ta' oġġetti mibjugħa, wara li jkun ikkunsidrat l-effett tar-rata tal-kambju u/jew taċ-ċaqliq fil-prezz;
- il-kost/rata medja tal-attiv/passiv għandu jitnaqqas/jiżdied bit-telf mhux realizzati meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena;
- fil-każ tal-akkwist ta' titoli b'ċedola, l-ammont ta' dħul b'ċedola mixtri għandu jkun ittrattat bħala element separat. Fil-każ ta' titoli ddenominati f'valuta barranija, għandu jkun

parti mill-investment f'dik il-valuta, iżda la għandu jaffettwa l-kost jew il-prezz tal-attiv għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-prezz medju, u lanqas il-kost ta' dik il-valuta.

2. Ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom japplikaw għat-titoli:

- tranżazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati skont il-prezz tat-tranżazzjoni u mdaħħla fil-kontijiet finanzjarji skont il-prezz bl-imgħax eskluż;
- tariffi tal-kustodja u l-ġestjoni, tariffi tal-kont kurrenti u spejjeż indiretti oħrajn m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala spejjeż tat-tranżazzjoni u għandhom ikunu nklużi fil-kont tal-qligħ u t-telf. Huma m'għandhomx ikunu ttrattati bħala parti mill-kost medju ta' attiv partikolari;
- id-dħul għandu jkun irreġistrat gross bit-taxxi obligatorji fuq l-imgħax rimborżabbli u b'kontabilità separata ta' taxxi oħrajn;
- għall-finijiet tal-kalkolu tal-kost medju tax-xiri ta' titolu, jew (i) ix-xiri kollu li jsir matul il-jum għandu jingħadd fuq baży ta' kost mal-investment tal-jum ta' qabel biex jiġi prodott prezz medju ppeżat ġdid qabel ma jiġi applikat il-bejgħ għall-istess jum; jew (ii) xiri u bejgħ individwali ta' titoli jistgħu jiġu applikati fl-ordni li fiha jkunu saru matul il-jum għall-iskop li jiġi kkalkulat il-prezz medju rivedut.

3. Ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom japplikaw għad-deheb u l-kambju:

- tranżazzjonijiet f'valuta barranija li ma jinvolvju ebda bidla fl-investment f'dik il-valuta għandhom jinqalbu feuro, billi tintuża r-rata tal-kambju fid-data tal-kuntratt jew tal-ħlas, u m'għandhomx jaffettwaw il-kost tal-akkwist tal-investment;
- tranżazzjonijiet f'valuta barranija li jinvolvju bidla fl-investment f'dik il-valuta għandhom jinqalbu feuro skont ir-rata tal-kambju tad-data tal-kuntratt; il-ħlas tal-ammonti prinċipali li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet b'lura f'titoli ddenominati f'valuta barranija jew f'deheb għandhom jitqiesu bħala li ma jinvolvju bidla fl-investment f'dik il-valuta jew fid-deheb;
- riċevuti tal-kontanti u ħlasijiet attwali m'għandhomx jinqalbu skont ir-rata tal-kambju fil-jum li fih iseħħ il-ħlas;
- fejn teżisti pożizzjoni twila, introjtu nett ta' valuti u ta' deheb magħmul matul il-jum għandhom jingħaddu, skont il-kost medju tal-introjtu tal-jum għal kull valuta rispettiva u għad-deheb, mal-investment tal-jum ta' qabel, sabiex jinħolqu rata medja/prezz tad-deheb ippeżat ġdid. F'każ ta' ħruġ nett, il-kalkolu tal-qligħ jew telf realizzati għandu jkun ibbażat fuq il-kost medju tal-valuta rispettiva jew l-investment f'deheb għall-jum preċedenti biex b'hekk il-kost medju jibqgħa' ma jinbidilx. Differenzi fir-rata medja/prezz tad-deheb bejn l-introjtu u l-ħruġ li jsir matul il-jum għandhom jirriżultaw ukoll fi qligħ jew telf realizzati. Fejn jeżisti passiv fir-rigward ta' valuta barranija jew pożizzjoni fid-deheb, għandu japplika t-trattament b'lura għall-metodu fuq imsemmi. Għaldaqstant il-kost medju tal-pożizzjoni debitorja għandha tkun affettwata minn *outflows* netti, filwaqt li *inflows* netti għandhom inaqqsu l-qagħda skont ir-rata medja/prezz tad-deheb imwieżen eżistenti u għandhom jirriżultaw fi qligħ jew telf realizzati;

(e) il-kost ta' tranżazzjonijiet tal-kambju barrani u spejjeż ġenerali oħrajn għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

KAPITOLU IV

REGOLI TA' KONTABILITA' GĦAL STRUMENTI BARRA L-KARTA TAL-BILANĊ

Artikolu 15

Regoli ġenerali

1. Tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju barrani, *forward legs* ta' tpartit tal-kambju barrani u strumenti oħra tal-valuta li jinvolvu skambju ta' valuta waħda ma' oħra f'data futura għandhom ikunu nklużi fil-qagħdiet netti tal-valuta barranija għall-kalkolu tal-kost medju tax-xiri u l-qligħ u t-telf tal-kambju.

2. Għandu jingħata rendikont tat-tpartit tar-rata ta' imgħax, xiri fil-futur, ta' ftehim tar-rata bil-quddiem, ta' strumenti tar-rata ta' imgħax u opzjonijiet oħrajn u huma għandhom ikunu rivalutati fuq bażi ta' element b'element. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu ttrattati separatament minn elementi fil-karta tal-bilanċ.

3. Profitti u telf li jirriżultaw minn strumenti barra l-karta tal-bilanċ għandhom ikunu rikonoxxuti u ttrattati f'manjiera simili għal strumenti fil-karta tal-bilanċ.

Artikolu 16

Tranżazzjonijiet bil-quddiem b'kambju barrani

1. Xiri u bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu rikonoxxuti f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ bejn id-data tan-negozju u d-data tal-pagament skont ir-rata immedjata tat-tranżazzjoni bil-quddiem. Qligħ u telf realizzati fi tranżazzjonijiet ta' bejgħ għandhom ikunu kkalkulati billi jintuża l-kost medju tal-pożizzjoni tal-valuta fid-data tan-negozju skont il-proċedura ta' nnettjar ta' kuljum għal xiri u bejgħ.

2. Id-differenza bejn ir-rati immedjati u dawk bil-quddiem għandha tkun ittrattata bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq il-bażi tal-akkumulazzjonijiet.

3. Fid-data tal-pagament il-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ għandhom jitreggħu lura.

4. Il-pożizzjoni tal-valuta għandha tkun affettwata minn tranżazzjonijiet bil-quddiem mid-data ta' negozju skont ir-rata immedjata.

5. Il-pożizzjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati flimkien mal-pożizzjoni immedjata tal-istess valuta, bit-tpaċċja ta' kwalunkwe differenzi li jistgħu jirriżultaw f'pożizzjoni ta' valuta waħdanija. Bilanċ ta' telf nett għandu jkun iddebitat fil-kont tal-qligħ u t-telf meta jeċċedi qligħ preċedenti ta' rivalutazzjoni rreġistrat fil-kont ta' rivalutazzjoni. Bilanċ ta' profitt nett għandu jkun ikkreditat fil-kont ta' rivalutazzjoni.

Artikolu 17

Tpartit tal-kambju barrani

1. Xiri u bejgħ bil-quddiem u immedjat għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet fil-karta tal-bilanċ fid-data tal-pagament rispettiv.

2. Xiri u bejgħ bil-quddiem u immedjat għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament skont ir-rata immedjata tat-tranżazzjonijiet.

3. Tranżazzjonijiet ta' xiri għandhom ikunu rikonoxxuti skont ir-rata immedjata tat-tranżazzjoni. Għaldaqstant m'għandu jirriżulta ebda qligħ u telf.

4. Id-differenza bejn ir-rati immedjati u dawk bil-quddiem għandhom ikunu ttrattati bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq il-bażi tal-akkumulazzjonijiet kemm tax-xiri kif ukoll tal-bejgħ.

5. Fid-data tal-pagament il-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ għandhom ikunu jitreggħu lura.

6. Il-pożizzjoni tal-valuta barranija għandha tinbidel biss bħala riżultat ta' akkumulazzjonijiet ddenominati f'valuta barranija.

7. Il-pożizzjoni bil-quddiem għandha tkun ivvalutata flimkien mal-pożizzjoni immedjata relatata.

Artikolu 18

Kuntratti futuri

1. Kuntratti futuri għandhom ikunu rreġistrati fil-jum ta' negozju f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ.

2. Il-marġni inizjali għandu jkun irreġistrat bħala attiv separat jekk iddepożitat fi flus kontanti. Jekk iddepożitat fil-forma ta' titoli huwa għandu jibqa' mhux mibdul fil-karta tal-bilanċ.

3. Bidliet ta' kuljum fil-marġni ta' varjazzjoni għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf u għandhom jaffettwaw il-pożizzjoni tal-valuta. L-istess proċedura għandha tiġi applikata fil-jum tal-egħluq tal-pożizzjoni miftuħa, irrispettivament minn jekk isseħħx il-kunsinna. Jekk il-kunsinna sseħħ, il-partita tax-xiri jew tal-bejgħ għandha ssir skont il-prezz tas-suq.

4. Il-miżati għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

Artikolu 19

Tpartit tar-rata ta' imġax

1. Tpartit tar-rata ta' imġax għandu jiġi rreġistrat fil-jum tan-negozju f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ.

2. Il-ħlasijiet kurrenti tal-imġax, kemm jekk riċevuti jew imħallsa, għandhom jiġu rreġistrati fuq il-bażi tal-akkumulazzjonijiet. Il-ħlasijiet jistgħu jsiru fuq bażi nett għal kull tpartit tar-rata ta' imġax, iżda dħul minn imġax akkumulat u spejjeż għandu jkun irrappurtat fuq bażi gross.

3. Tpartit tar-rati ta' imġax għandu jkun irrialutat individwalment u, jekk meħtieġ, maqlub feuro skont ir-rata immedjata tal-valuta. Huwa rrakkomandat li telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena għandu jkun ammortizzat fi snin sussegwenti, u li f'każ ta' tpartit bil-quddiem tar-rata ta' imġax l-ammortizzament għandu jibda mid-data tal-valur tat-transazzjoni u li l-ammortizzament jkun lineari. Qligħ mhux realizzat ta' rivalutazzjoni għandu jkun ikkreditat f'kont ta' rivalutazzjoni.

4. Il-miżati għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

Artikolu 20

Ftehim tar-rata bil-quddiem

1. Ftehim tar-rata bil-quddiem għandhom ikunu rreġistrati fil-jum tan-negozju f'kontijiet li mhumiex fil-karta tal-bilanċ.

2. Il-ħlas tal-kumpens li għandu jitħallas minn parti waħda lill-oħra fid-data tal-pagament għandu jiddaħħal fid-data tal-pagament fil-kont tal-qligħ u t-telf. Il-ħlasijiet m'għandhomx ikunu rreġistrati fuq il-bażi tal-akkumulazzjonijiet.

3. Jekk isiru ftehim bil-quddiem tar-rata f'valuta barranija, il-ħlasijiet ta' kumpens għandhom jaffettwaw il-pożizzjoni tal-valuta. Ħlasijiet ta' kumpens għandhom ikunu maqlubin feuro skont ir-rata spot fid-data tal-pagament.

4. Il-ftehim kollha tar-rata bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati individwalment mill-ġdid u, jekk meħtieġ, maqlubin feuro skont ir-rata immedjata tal-valuta. Telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena m'għandux ikun imreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra qligħ mhux realizzat sakemm l-istrument jingħalaq jew jiġi mitmum. Qligħ mhux realizzat ta' rivalutazzjoni għandu jkun ikkreditat f'kont ta' rivalutazzjoni.

5. Il-miżati għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

Artikolu 21

Tranżazzjonijiet ta' titoli bil-quddiem

Il-kontabilità ta' tranżazzjonijiet ta' titoli bil-quddiem għandha ssir skont wieħed minn dawn iż-żewġ metodi li ġejjin:

1. Metodu A:

(a) tranżazzjonijiet ta' titoli bil-quddiem għandhom ikunu rreġistrati f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament, skont il-prezz bil-quddiem tat-tranżazzjoni bil-quddiem;

(b) il-kost medju tal-investment tat-titolu nnegozjat m'għandux ikun affettwat sakemm isir il-pagament; l-effetti tal-qligħ u t-telf ta' tranżazzjonijiet ta' bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu kkalkulati fid-data tal-pagament;

(c) fid-data tal-pagament il-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ għandhom ikunu rriversjati u l-bilanċ fil-kont ta' rivalutazzjoni, jekk ikun hemm, għandu jkun ikkreditat fil-kont tal-qligħ u t-telf. Il-kontabilità ta' titoli mixtrijin għandha ssir bl-użu tal-prezz immedjat fid-data tal-maturità (prezz tas-suq attwali), filwaqt li d-differenza mqabbla mal-prezz bil-quddiem oriġinali hija rikonoxxuta bħala qligħ jew telf realizzat;

(d) fil-każ ta' titoli ddenominati f'valuta barranija, il-kost medju tal-pożizzjoni nett tal-valuta m'għandux ikun affettwat jekk l-entità ta' rappurtar ikollha diġà pożizzjoni f'dik il-valuta. Jekk il-bond mixtri bil-quddiem huwa ddenominat f'valuta li fiha l-entità ta' rappurtar ma jkollhiex pożizzjoni, biex b'hekk ikun meħtieġ li tinxtara il-valuta rilevanti, ir-regoli għax-xiri ta' valuti barranin skont l-Artikoli 14(3)(e) għandhom japplikaw;

(e) pożizzjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati fuq bażi iżolata kontra l-prezz tas-suq bil-quddiem għaż-żmien li jifdal tat-tranżazzjoni. Telf ta' rivalutazzjoni fi tmiem is-sena għandu jkun iddebitat fil-kont tal-qligħ u t-telf, u l-qligħ mir-rivalutazzjoni għandu jkun ikkreditat fil-kont ta' rivalutazzjoni. Telf mhux realizzat rikonoxxut fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena m'għandux ikun imreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra qligħ mhux realizzat sakemm l-istrument jingħalaq jew jiġi mitmum.

2. Metodu B:

(a) tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli għandhom ikunu rreġistrati f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament skont il-prezz bil-quddiem tat-tranżazzjoni bil-quddiem. Fid-data tal-pagament il-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ għandhom jitreġġu lura;

- (b) fi tmiem it-trimestru titolu għandu jkun irrivvalutat fuq il-bażi tal-pożizzjoni nett li tirriżulta mill-karta tal-bilanċ u mill-bejgħ tal-istess titolu rreġistrat fil-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ. L-ammont tar-rivalutazzjoni għandu jkun ugwali għad-differenza bejn din il-pożizzjoni nett ivvalutata skont il-prezz tar-rivalutazzjoni u l-istess pożizzjoni vvalutata skont il-kost medju tal-pożizzjoni tal-karta tal-bilanċ. Fi tmiem it-trimestru, ix-xiri bil-quddiem għandu jkun suġġett għall-proċess ta' rivalutazzjoni deskritt fl-Artikolu 7. Ir-riżultat tar-rivalutazzjoni għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz immedjat u l-kost medju tal-obbligati tax-xiri;
- (c) ir-riżultat ta' bejgħ bil-quddiem għandu jkun irreġistrat fis-sena finanzjarja li fiha jkun ittieħed l-obbligu. Dan ir-riżultat għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz bil-quddiem inizjali u l-kost medju tal-pożizzjoni tal-karta tal-bilanċ, jew il-kost medju tal-obbligati ta' xiri barra l-karta tal-bilanċ jekk il-pożizzjoni tal-karta tal-bilanċ mhijiex suffiċjenti, fil-ħin tax-xiri.

Artikolu 22

Opzjonijiet

1. L-opzjonijiet għandhom ikunu rikonossuti fil-kontijiet barra l-karta tal-bilanċ mid-data tan-negozju sad-data tal-eżerċizzju jew tal-iskadenza skont il-prezz *strike* tal-istrument sottostanti.
2. Primjums iddenominati f'valuta barranija għandhom ikunu maqlubin feuro skont ir-rata tal-kambju tad-data tal-kuntratt jew tal-pagament. Il-primjum imħallas għandu jkun rikonossut bħala attiv separat, filwaqt li l-primjum riċevut għandu jkun rikonossut bħala passiv separat.
3. Jekk l-opzjoni hija eżerċitata, l-istrument sottostanti għandu jkun irreġistrat fil-karta tal-bilanċ skont il-prezz *strike* miżjud jew imnaqqas bil-valur oriġinali tal-primjums. L-ammont oriġinali tal-primjum tal-opzjoni għandu jkun aġġustat fuq il-bażi ta' telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena.
4. Jekk l-opzjoni ma tiġix eżerċitata, l-ammont tal-primjum tal-opzjoni, aġġustat fuq il-bażi tat-telf mhux realizzat fi tmiem is-sena preċedenti, għandu jitqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf maqlub skont ir-rata tal-kambju disponibbli fid-data tal-iskadenza.
5. Il-pożizzjoni tal-valuta għandha tkun affettwata permezz tal-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum għal opzjonijiet tat-tip *future*, bi kwalunkwe tnaqqis fil-valur fi tmiem is-sena tal-primjum tal-opzjoni, bin-negozju sottostanti fid-data tal-eżerċizzju, jew, fid-data tal-iskadenza, bil-primjum tal-opzjoni. Bidliet ta' kuljum fil-marġni ta' varjazzjoni għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.
6. Kull kuntratt ta' opzjoni għandu jkun irrivvalutat mill-ġdid individwalment. Telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qligħ u

t-telf m'għandux ikun imreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra qligħ mhux realizzat. Qligħ mhux realizzat ta' rivalutazzjoni għandu jkun ikkreditat f'kont ta' rivalutazzjoni. M'għandu jkun hemm l-ebda nnettjar ta' telf mhux realizzat f'kwalunkwe opzjoni kontra qligħ mhux realizzat fi kwalunkwe opzjoni oħra.

7. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6, il-valuri tas-suq huma l-prezzijiet kkwotati meta dawn il-prezzijiet huma disponibbli minn borża, negozjant ta' titoli, sensar jew entitajiet simili. Meta l-prezzijiet kkwotati mhumiex disponibbli, il-valur tas-suq huwa ddeterminat permezz ta' teknika ta' rivalutazzjoni. Din it-teknika ta' rivalutazzjoni għandha tintuża b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandu jkun possibbli li jintwera li hija tipprovdi stimi affidabbli ta' prezzijiet li jkunu jinkisbu fi tranżazzjonijiet tas-suq attwali.

8. Il-miżati għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

KAPITOLU V

OBBLIGI TA' RAPPURTAR

Artikolu 23

Formati ta' rappurtar

1. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw dejta għall-finijiet ta' rappurtar finanzjarju tal-Eurosistema lill-BĊE skont din il-Linja ta' Gwida.
2. Il-formati ta' rappurtar tal-Eurosistema għandhom ikopru l-elementi kollha speċifikati fl-Anness IV. Il-kontenut tal-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-formati differenti tal-karta tal-bilanċ huwa deskritt ukoll fl-Anness IV.
3. Il-formati tar-rendikonti finanzjarji differenti ppubblikati għandhom ikunu konformi mal-Annessi kollha li ġejjin:
 - (a) Anness V: ir-rendikont finanzjarju tal-Eurosistema kkonsoolidat u ppubblikat ta' kull ġimgħa wara li jintemm it-trimestru;
 - (b) Anness VI: ir-rendikont finanzjarju tal-Eurosistema kkonsoolidat u ppubblikat ta' kull ġimgħa matul it-trimestru;
 - (c) Anness VII: il-karta tal-bilanċ annwali kkonsoolidata tal-Eurosistema.

KAPITOLU VI

KARTI TAL-BILANĊ U KONTIJET TAL-QLIĠH U T-TELF ANNWALI Ppubblikati

Artikolu 24

Karti tal-bilanċ u kontijiet tal-qligħ u t-telf ippubblikati

Huwa rrakkomandat li l-BĊNi jaddattaw il-karti tal-bilanċ u l-kontijiet tal-qligħ u t-telf annwali tagħhom ippubblikati skont l-Annessi VIII u IX.

KAPITOLU VII

REGOLI TA' KONSOLIDAZZJONI

Artikolu 25

Regoli ta' konsolidazzjoni ġenerali

1. Il-karti tal-bilanċ ikkonsolidati tal-Eurosistema għandhom ikopru l-elementi kollha fil-karti tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊNi.
2. Għandu jkun hemm konsistenza fir-rapporti fil-proċess ta' konsolidazzjoni. Ir-rendikonti finanzjarji kollha tal-Eurosistema għandhom ikunu ppreparati fuq bażi simili bl-applikazzjoni tal-istess teknika u proċessi ta' konsolidazzjoni.
3. Il-BĊE għandu jipprepara l-karti tal-bilanċ ikkonsolidati tal-Eurosistema. Dawn il-karti tal-bilanċ għandhom jirrispettaw il-ħtieġa għal prinċipji tal-kontabilità u teknika uniformi, perijodi finanzjarji bl-istess termini fl-Eurosistema u l-aġġustamenti ta' konsolidazzjoni li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet intra-Eurosistema, u għandhom jikkunsidraw kull bidliet fil-kompożizzjoni tal-Eurosistema.
4. Kull element individwali tal-karta tal-bilanċ, minbarra l-bilanċi tal-BĊE individwali intra-Eurosistema, għandu jkun aggregat għal finijiet ta' konsolidazzjoni.
5. Il-bilanċi tal-BĊNi u tal-BĊE ma' partijiet terzi għandhom ikunu rreġistrati gross fil-proċess ta' konsolidazzjoni.
6. Il-bilanċi intra-Eurosistema għandhom ikunu ppreżentati fil-karti tal-bilanċ tal-BĊE tal-BĊNi skont l-Anness IV.

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 26

Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni ta' regoli

1. Il-Kumitat tal-Kontabilità u tad-Dħul Monetarju tas-SEBĊ (AMICO) għandu jirrapurta lill-Kunsill Governattiv, permezz tal-Bord Eżekuttiv, dwar l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kontabilità u tar-rappurtar finanzjarju tas-SEBĊ.
2. Fl-interpretazzjoni ta' din il-Linja ta' Gwida, għandu jingħata kont ukoll tax-xogħol preparatorju, il-prinċipji tal-kontabilità armonizzati bil-liġi tal-Unjoni u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità aċċettati ġeneralment.

Artikolu 27

Regoli Tranżitorji

1. Il-BĊNi għandhom jirivalutaw l-attiv u l-passiv kollu finanzjarju skont id-data li fiha huma jsiru membri tal-Eurosisistema. Qligħ mhux realizzat li jsir qabel jew f'dik id-data għandu jkun separat minn dak il-qliġ ta' valutazzjoni mhux realizzat li jista' jsir wara, u għandu jibqa' mal-BĊNi. Il-prezzijiet tas-suq u r-rati applikati mill-BĊNi fil-karti tal-bilanċ tal-ftuħ fil-bidu tal-parteċipazzjoni tal-Eurosistema għandhom ikunu kkunsidrati bħala l-kost medju tal-assi u l-passiv ta' dawn il-BĊNi.
2. Huwa rrikkmandat li qliġ mhux realizzat li sar qabel jew fil-bidu tas-sħubija ta' BĊN fl-Eurosistema m'għandux ikun ikkunsidrat bħala distribwibbli fil-ħin tat-tranżizzjoni u li għandu jkun ittrattat biss bħala realizzabbli/distribwibbli fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet li jseħħu wara d-dħul fl-Eurosistema.
3. Il-kambju barrani, il-qliġ u t-telf fid-deheb u l-prezzijiet, li jirriżultaw mit-trasferiment ta' assi mill-BĊNi lill-BĊE, għandhom ikunu kkunsidrati bħala realizzati.
4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni li għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 30 tal-Istatut tas-SEBĊ.

Artikolu 28

It-Thassir

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 qiegħda bil-preżenti tiġi mħassra. Ir-referenzi għal-Linja ta' Gwida mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din il-Linja ta' Gwida u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XI.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2010.

Artikolu 30

Indirizzati

Din il-Linja ta' Gwida tapplika għall-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Novembru 2010.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX I

RENDIKONTI FINANZJARJI GĦALL-EUROSISTEMA

| Tip ta' rapport | Intern/ippubblikat | Sors ta' obbligu legali | Skop tar-rapport |
|--|-------------------------------------|--|---|
| 1 Rendikont finanzjarju ta' kuljum tal-Eurosistema | Intern | Xejn | Prinċipalment għal skopijiet ta' ġestjoni ta' likwidità għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 12.1 tal-Istatut Parti mid-dejta tar-rendikont finanzjarju ta' kuljum tintuża għall-kalkolu tad-dħul monetarju |
| 2 Rendikont finanzjarju ta' kull ġimgħa diżaggregat | Intern | Xejn | Bażi għall-produzzjoni tar-rendikont finanzjarju kkonsolidat ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema |
| 3 Rendikont finanzjarju ta' kull ġimgħa kkonsolidat tal-Eurosistema | Ippubblikat | Artikolu 15.2 tal-Istatut tas-SEBĊ | Rendikont finanzjarju kkonsolidat għal analiżi monetarja u ekonomika. Ir-rendikont finanzjarju kkonsolidat ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema jittieħed mir-rendikont finanzjarju ta' kuljum tal-jum ta' rappurtar |
| 4 Informazzjoni finanzjarja ta' kull xahar u trimestrali tal-Eurosistema | Ippubblikat u intern ⁽¹⁾ | Regolamenti Statistiċi, skont liema l-IFMi għandhom jagħtu d-dejta | Analiżi statistika |
| 5 Karta tal-bilanċ annwali kkonsolidata tal-Eurosistema | Ippubblikat | Artikolu 26.3 tal-Istatut tas-SEBĊ | Karta tal-bilanċ ikkonsolidata għal skopijiet analitiċi u operattivi |

⁽¹⁾ Il-*feed* tad-dejta ta' kull xahar fid-dejta statistika aggregata ppubblikata meħtieġa minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFMi) fl-UE. Barra min dan, bħala IFMi, il-banek ċentrali wkoll għandhom jipprovdu fuq bażi trimestrali informazzjoni aktar iddettaljata milli huwa pprovdut fid-dejta ta' kull xahar.

ANNEX II

GLOSSARJU

- *Amortizzazzjoni*: it-tnaqqis sistematiku fil-kontijiet ta' xi premium/skont jew tal-valur tal-assi fuq perijodu ta' żmien.
- *Approprijazzjoni*: l-att ta' teħid tad-dritt ta' proprjetà ta' titoli, self jew kwalunkwe assi li jkunu ngħataw bħala garanzija lil entità ta' rappurtar bħala mezz biex tiġi infurzata l-klejm oriġinali.
- *Attiv*: riżorsa kkontrollata minn entità ta' rappurtar bħala riżultat ta' avvenimenti fil-passat u li minnha huwa mistenni li jirriżultaw benefiċċji ekonomiċi futuri għall-entità ta' rappurtar.
- *Programm awtomatiku ta' self ta' titoli (ASLP)*: operazzjoni finanzjarja li tikkombina transazzjonijiet repo u transazzjonijiet repo b'lura fejn garanzija speċifika tiġi mislufa kontra garanzija ġenerali. Bħala riżultat ta' dawn it-transazzjonijiet ta' għoti u teħid ta' self, jiġi ġġenerat dħul permezz tar-rati repo differenti taż-żewġ transazzjonijiet, i.e. il-marġini riċevuta. L-operazzjoni tista' ssir taħt programm ibbażat fuq il-prinċipal, jiġifieri l-bank li joffri dan il-programm jitqies bħala l-kontroparti finali, jew taħt programm ibbażat fuq aġenzija, jiġifieri l-bank li joffri dan il-programm jaġixxi biss bħala aġent, u l-kontroparti finali tkun l-istituzzjoni li magħha effettivament isiru t-transazzjonijiet ta' self ta' titoli.
- *Kost medju*: il-metodu kontinwat jew ta' medja ppeżata, li permezz tiegħu il-kost ta' kull xirja jiżdied mal-valur fil-kontabilità eżistenti sabiex jinholq jkost medju ppeżat ġdid.
- *Metodu bil-kontanti/ħlas*: metodu ta' kontabilità li permezz tiegħu l-avvenimenti tal-kontabilità jiġu rreġistrati fid-data tal-ħlas.
- *Prezz bl-imgħax eskluż*: il-prezz tat-transazzjoni eskluż kwalunkwe rifużjoni/imgħax akkumulat, imma jinkludi l-ispejjeż tat-tranżazzjoni li jiffurmaw parti mill-prezz.
- *Skont*: id-differenza bejn il-valur par ta' titolu u l-prezz tiegħu meta dak il-prezz ikun iktar baxx mill-valur par.
- *Titolu bi skont*: attiv li ma jħallasx imgħax ta' ċedola, u li r-redditu fuqu jinkiseb b'apprezzament tal-kapital peress li l-attiv jinħareġ jew jinxtara bi skont meta mqabbel mal-valur nominali jew par tiegħu.
- *Portafoll immarkat*: investment immarkat miżmum fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ bħala fond kontroparti, li jikkonsisti f'titoli, strumenti ta' ekwità, depożiti għal terminu fiss u kontijiet kurrenti, interessi partċipanti u/jew investimenti f'sussidjarji. Jaqbel ma' element identifikabbli fin-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, irrispettivament minn restrizzjonijiet legali jew ta' natura oħra.
- *Metodu ekonomiku*: metodu tal-kontabilità li taħtu t-transazzjonijiet jiġu rreġistrati fid-data tat-transazzjoni.
- *Strumenti ta' ekwità*: titoli li jroddu *dividend*, jiġifieri ishma korporattivi, u titoli li juru investment f'fond ta' ekwità.
- *Rata tal-kambju*: il-valur ta' valuta waħda għall-finijiet ta' konverżjoni f'oħra.
- *Mekkaniżmu tar-rata tal-kambju II (ERM II)*: il-proċeduri għal mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fit-tielet istadju ta' unjoni ekonomika u monetarja (EMU).
- *Il-programm Extended Custodial Inventory (ECI)*: programm li jikkonsisti f'*depot* barra miż-żona euro ġestita minn bank kummerċjali fejn il-karti tal-flus tal-euro jinżammu f'kustodja għall-kont tal-Eurosistema għall-provvista u r-riċeviment ta' karti tal-flus tal-euro.
- *Attiv finanzjarju*: kull attiv li huwa: (a) flus kontanti; (b) dritt kuntrattwali biex wieħed jirċievi flus kontanti jew strument finanzjarju ieħor mingħand intrapriża oħra; (c) dritt kuntrattwali biex jiġu skambjati strumenti finanzjarji ma' intrapriża oħra taħt kundizzjonijiet li huma potenzjalment favorevoli; jew (d) strument ta' ekwità ta' intrapriża oħra.
- *Passiv finanzjarju*: kwalunkwe passiv li jkun obligu legali biex jiġu kkonsenjati flus kontanti jew xi strument finanzjarju ieħor lil intrapriża oħra jew biex jiġu skambjati strumenti finanzjarji ma' intrapriża oħra taħt kundizzjonijiet li huma potenzjalment sfavorevoli.
- *Żamma ta' valuta barranija*: il-pożizzjoni netta fil-valuta rispettiva. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, SDRs huma meqjusa bħala valuta separata; transazzjonijiet li jnvolvu bidla fil-pożizzjoni netta f'SDRs huma jew transazzjonijiet iddenominati f'SDRs, jew transazzjonijiet f'kambju li jirreplikaw il-kompożizzjoni tal-baskett tal-SDRs (skont id-definizzjoni tal-basket u l-piżijiet rispettivi).

- *Transazzjonijiet bil-quddiem b'kambju*: kuntratt fejn ix-xiri jew il-bejgħ totali ta' ċertu ammont iddenominat f'valuta barranija kontra valuta oħra, normalment il-valuta domestika, jiġi miftiehem f'għurnata waħda u l-ammont ikollu jiġi kkonsenjati f'data futura speċifikata, aktar minn jumejn wara d-data tal-kuntratt, bi prezz partikolari. Din ir-rata ta' kambju bil-quddiem tikkonsisti fir-rata immedjata prevalenti b'żieda/tnaqqis ta' primjum/skont miftiehem.
- *Tpartit ta' kambju barrani*: ix-xiri/bejgħ immedjat simultanju ta' valuta waħda kontra oħra (*short leg*) u l-bejgħ/xiri bil-quddiem tal-istess ammont ta' din il-valuta kontra l-valuta l-oħra (*long leg*).
- *Ftehim dwar rata bil-quddiem*: kuntratt fejn żewġ partijiet jaqblu dwar ir-rata tal-imgħax li għandha titħallas fuq depożitu kunċettwali ta' maturità speċifikata f'data futura speċifika. Fid-data tal-pagament irid jitħallas kumpens minn parti waħda lill-oħra, skont id-differenza bejn ir-rata tal-imgħax kuntrattata u r-rata tas-suq fid-data tal-pagament.
- *Tranżazzjonijiet ta' titoli bil-quddiem*: kuntratti *over-the-counter* fejn ix-xiri jew il-bejgħ ta' strument tar-rata tal-imgħax, normalment bond jew nota, jiġu miftiehma fid-data tal-kuntratt b'konsenja f'data futura, bi prezz partikolari.
- *Opzjoni bi stil ta' future*: opzjonijiet elenkati fejn marġni ta' varjazzjoni titħallas jew tiġi riċevuta fuq bażi ta' kuljum.
- *Titoli miżmuma tal-maturità*: titoli bi ħlasijiet fissi jew determinabbli u b'maturità fissa, li l-entità ta' rappurtar ikollha l-ħsieb li żżomm sal-maturità.
- *Indeboliment*: tnaqqis tal-ammont li jista' jiġi rkuprat taħt il-*carrying amount*.
- *Future ta' rata ta' imgħax*: kuntratt bil-quddiem innegozjat fil-kambju. F'kuntratt bħal dan, ix-xiri jew il-bejgħ ta' strument tar-rata ta' imgħax, eż. bond, jiġi miftiehem fid-data tal-kuntratt b'konsenja f'data futura, bi prezz partikolari. Is-soltu l-ebda konsenja attwali ma sseħħ; il-kuntratt normalment jingħalaq qabel il-maturità miftiehma.
- *Rata interna ta' redditu*: ir-rata ta' skont li biha l-valur tal-kontabilità ta' titolu tkun ugwali għall-valur preżenti tal-fluss ta' flus futur.
- *Tpartit ta' rata tal-imgħax*: ftehim kuntrattwali biex jiġu skambjati flussi ta' flus li jirrappreżentaw sorsi ta' ħlasijiet ta' imgħax perjodiċi b'kontroparti jew f'valuta waħda jew, fil-każ ta' transazzjonijiet bejn żewġ valuti, f'żewġ valuti differenti.
- *Standards Internazzjonali tal-Kontabilità*: l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS), l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju u l-interpretazzjonijiet relatati (interpretazzjonijiet SIC-IFRIC), emendi sussegwenti għal dawk l-istandards u interpretazzjonijiet relatati, standards futuri u interpretazzjonijiet relatati adottati mill-Unjoni Ewropea.
- *Numru ta' identifikazzjoni internazzjonali tat-titoli (ISIN)*: in-numru maħruġ mill-awtorità emittenti kompetenti rilevanti.
- *Passiv*: obbligu preżenti tal-intrapriża li jirriżulta minn avvenimenti fil-passat, li l-pagament tiegħu huwa mistenni li jirriżulta fi ħruġ mill-intrapriża ta' riżorsi li jikkostitwixxu beneficiċċi ekonomiċi.
- *Prezz tas-suq*: il-prezz li huwa kkwotat għal strument ta' deheb, kambju barrani jew titoli li normalment jeskludi akkumulazzjoni jew rifużjoni ta' imgħax jew f'suq organizzat, eż. borża tal-ishma jew suq mhux organizzat, eż. suq *over-the-counter*.
- *Data tal-maturità*: id-data meta l-valur nominali/prinċipali jsir dovut u pagabbli bis-sħiħ lid-detentur.
- *Prezz ta' nofs is-suq*: il-punt tan-nofs bejn il-prezz offrut u l-prezz mitlub għal titolu bbażat fuq kwotazzjonijiet għal transazzjonijiet ta' daqs ta' suq normali minn *market-makers* rikonoxxuti jew skambji tan-negozju rikonoxxuti, li jintużaw għall-proċedura ta' rivalutazzjoni trimestrali.
- *Rati ta' nofs is-suq*: ir-rati ta' referenza tal-kambju tal-euro li huma ġeneralment ibbażati fuq il-proċedura regolari ta' koordinazzjoni bejn banek ċentrali fi ħdan u barra mis-SEBĊ, li normalment isseħħ fis-14.15 Ħin Ċentrali Ewropew, u li jintużaw għall-proċedura ta' rivalutazzjoni trimestrali.
- *Opzjoni*: kuntratt li jipprovdi lid-detentur bid-dritt, iżda mhux bl-obbligu, li jixtri jew ibiegħ ammont speċifiku ta' stokk, komodità, valuta, indiċi, jew dejn partikolari, bi prezz speċifikat matul perjodu ta' żmien speċifikat jew fid-data tal-iskadenza.
- *Primjum*: id-differenza bejn il-valur par ta' titolu u l-prezz tiegħu meta dan il-prezz ikun oġġla mill-valur par.
- *Provedimenti*: ammonti mwarrba qabel ma wieħed jasal għall-figura tal-qligħ u t-telf biex jipprovdi għal kwalunkwe passiv jew riskju magħruf jew mistenni, li l-prezz tiegħu ma jistax jiġi ddeterminat b'mod preċiż (ara 'Riżervi'). Provedimenti għal passiv u spejjeż futuri ma jistgħux jintużaw biex jaġġustaw il-valur ta' assi.
- *Qligħ/telf realizzat*: qligħ/telf li jirriżulta mid-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ ta' xi element tal-karta tal-bilanċ u l-kost tiegħu aġġustat

- *Riżervi*: ammont imwarrab minn profitti distribwibbli, li ma jkunx intiż biex jagħmel tajjeb għal xi passiv speċifiku, kontinġenza jew tnaqqis mistenni fil-valur ta' assi magħrufa li jeżistu fid-data tal-karta tal-bilanċ.
- *Kontijiet ta' rivalutazzjoni*: kontijiet tal-karta tal-bilanċ għar-reġistrazzjoni tad-differenza fil-valur ta' attiv jew passiv bejn il-kost aġġustat tal-akkwist tiegħu u l-valutazzjoni tiegħu bi prezz tas-suq ta' tmiem ta' perjodu, meta dan tal-aħħar ikun ogħla minn dan tal-ewwel fil-każ ta' assi, u meta dan aħħar ikun ogħla minn dan tal-ewwel fil-każ ta' passiv. Dawn jinkludu differenzi kemm fil-kwotazzjoni tal-prezz u/jew rati tal-kambju tas-suq.
- *Bejgħ b'lura u fiehim ta' xiri mill-ġdid (repo b'lura)*: kuntratt li taħtu detentur ta' flus kontanti jaqbel li jixtri attiv u, simultanjamant, jaqbel li jerġa' jbiegħ l-attiv għal prezz miftiehem fuq talba, wara żmien iddikjarat, jew f'każ ta' kontinġenza partikolari. Xi kultant transazzjoni repo tiġi miftiehma permezz ta' parti terza (repo bi tliet partijiet).
- *Transazzjoni b'lura*: operazzjoni li permezz tagħha entità ta' rapportaġġ tixtri (repo b'lura) jew tbigħ (repo) assi taħt fiehim ta' xiri mill-ġdid jew tmexxi operazzjonijiet ta' kreditu kontra garanzija.
- *Titoli miżmuma bħala portafoll assenjat*: investimenti assenjati miżmumin bħala fondi ta' kontroparti li jikkonsistu f'titoli, strumenti ta' ekwità, interessi parteċipanti u/jew investimenti f'sussidjarji, li jaqblu ma' element identifikabbli fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, irrispettivament minn jekk hemmx restrizzjoni legali, statutorja jew ta' natura oħra, eż. fondi tal-pensjonijiet, skemi għat-terminazzjoni ta' impjiegi, provvedimenti, kapital, riżervi.
- *Pagament*: att li jwettaq obbligi fir-rigward ta' fondi jew trasferimenti ta' assi bejn żewġ partijiet jew aktar. Fil-kuntest ta' transazzjonijiet intra-Eurosistema, pagament jirreferi għall-eliminazzjoni tal-bilanċi netti li jirriżultaw minn transazzjonijiet intra-Eurosistema u li jeħtieġ it-trasferiment ta' assi.
- *Data tal-ħlas*: id-data meta t-trasferiment finali u irrevokabbli tal-valur ikun ġie rreġistrat fil-kotba tal-istituzzjoni tal-pagament relevanti. Iż-żmien tal-pagament jista' jkun immedjat (dak il-ħin stess), l-istess ġurnata (fit-tmiem tal-ġurnata) jew f'data miftiehma wara d-data meta jkun ingħata l-impenn.
- *Dritt Speċjali ta' Kreditu (SDR)*: attiv ta' riżerva internazzjonali li jagħti l-imgħax maħluq mill-IMF fl-1969 biex jissupplimenta assi ta' riżerva oħrajn ta' pajjiżi membri.
- *Rata immedjata*: ir-rata li biha tiġi mħallsa transazzjoni fid-data tal-ħlas immedjat. Fir-rigward ta' transazzjonijiet bil-quddiem b'kambju, ir-rata immedjata hija r-rata li għaliha jiġu applikati l-punti bil-quddiem sabiex tinkiseb ir-rata bil-quddiem.
- *Data tal-ħlas immedjat*: id-data meta transazzjoni immedjata fi strument finanzjarju tiġi mħallsa b'mod konformi mal-konvenzjonijiet prevalenti tas-suq għal dak l-istrument finanzjarju.
- *Diprezzament/amortizzament fuq bażi ta' linja dritta*: id-diprezzament/amortizzament fuq perjodu partikolari huwa kkal-kulat bid-diviżjoni tal-kost tal-attiv, wara li jitnaqqas il-valur residwu tiegħu, bl-istima tal-ħajja utli tal-attiv *pro rata temporis*.
- *Prezz strike*: il-prezz speċifikat ta' kuntratt ta' opzjoni li bih jista' jiġi eżerċitat il-kuntratt.
- *Strument sintetiku*: strument finanzjarju maħluq artifiċjalment billi jiġu kkombinati żewġ strumenti jew aktar bil-għan li jiġu replikati l-fluss ta' flus u x-xejriet ta' valutazzjoni ta' strument ieħor. Dan normalment isir permezz ta' intermedjarju finanzjarju.
- *TARGET2*: is-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer*, skont il-Linja ta' Gwida BĊE/2007/2 tas-26 ta' April 2007 dwar is-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2)* ⁽¹⁾.
- *Kosti tat-transazzjoni*: kosti li huma identifikabbli kif relatati mat-transazzjoni speċifika.
- *Prezz tat-transazzjoni*: il-prezz miftiehem bejn il-partijiet meta jsir kuntratt.
- *Qligħ/telf mhux realizzat*: qligħ/telf li jirriżulta mir-rivalutazzjoni ta' assi mqabbla mal-kost tal-akkwist aġġustat tagħhom.

(1) ĠU L 237, 8.9.2007, p. 1.

ANNEX III

DESKRIZZJONI TAL-METODU EKONOMIKU

(inklużi l-metodi “regolari” u “alternattivi” msemmija fl-Artikolu 5)

1. **Kontabilità tad-data tan-negozju**
 - 1.1. Il-kontabilità tad-data tan-negozju tista tkun implimentata jew permezz tal-“metodu regolari” jew permezz tal-“metodu alternattiv”
 - 1.2. L-Artikolu 5(1)(a) jirreferi għall-“metodu regolari”.
 - 1.2.1. It-tranżazzjonijiet huma rreġstrati f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ fid-data tan-negozju. Fid-data tal-pagament l-entrati barra l-karta tal-bilanċ jitreggħu lura, u t-tranżazzjonijiet jiddaħħlu fil-kontijiet tal-karta tal-bilanċ.
 - 1.2.2. Il-pożizzjonijiet tal-valuta barranija huma affettwati fid-data tan-negozju. Konsegwentament, qligħ u telf realizzati li jirriżultaw mill-bejgħ nett huma kkalkulati wkoll fid-data tan-negozju. Xiri nett tal-valuta barranija jaffettwa l-kost medju tal-investiment tal-valuta fid-data tan-negozju.
 - 1.3. L-Artikolu 5(1)(b) jirreferi għall-“metodu alternattiv”.
 - 1.3.1. Bil-kuntrarju għall-“metodu regolari”, m'hemm l-ebda reġistrazzjoni barra l-karta tal-bilanċ ta' kuljum tat-tranżazzjonijiet miftiehma li jsir pagament tagħhom f'data aktar tard. Ir-rikonoxximent tad-dħul realizzati u l-kalkolu tal-ispejjeż medji ġodda (fil-każ ta' xiri tar-rati tal-kambju barrani) u l-prezzijiet medji (fil-każ ta' xiri ta' titoli) jitwettaq fid-data tal-ħlas ⁽¹⁾.
 - 1.3.2. Għal tranżazzjonijiet miftiehma f'sena imma li jimmatraw f'sena sussegwenti, ir-rikonoxximent tad-dħul huwa ttrattat skont il-“metodu regolari”. Dan ifisser li effetti realizzati minn bejgħ li jkollu impatt fuq il-kontijiet tal-qligħ u t-telf għas-sena li fiha t-tranżazzjoni kienet miftiehma u li x-xiri jibdlu r-rati medja ta' xi investiment fis-sena li fiha t-tranżazzjoni tkun ġiet miftiehma.
 - 1.4. It-tabella li ġejja turi l-karatteristiċi prinċipali taż-żewġ tekniki żviluppati għal strumenti individwali tal-kambju barrani u għal titoli.

| KONTABILITÀ TAD-DATA TAN-NEGOZJU | |
|---|--|
| “Metodu Regolari” | “Metodu Alternattiv” |
| Tranżazzjonijiet ta' kambju spot – trattament matul is-sena | |
| Xiri ta' kambju barrani huwa rreġistrat barra l-karta tal-bilanċ fid-data tan-negozju u jaffettwa l-kost medju tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data Il-qligħ u t-telf li jirriżultaw mill- bejgħ jitqiesu bħala realizzati fid-data tat-tranżazzjoni/negozju. Fid-data tal-pagament, l-entrati barra l-karta tal-bilanċ jitreggħu lura, u jiddaħħlu entrati fil-karta tal-bilanċ | Xiri ta' kambju barrani huwa rreġistrat fil-karta tal-bilanċ fid-data tal-pagament, u jaffettwa l-kost medju tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data Il-qligħ u t-telf li jirriżulta mill- bejgħ jitqies bħala realizzati fid-data tal-pagament. Fid-data tan-negozju ma ssir l-ebda entrata tal-kontabilità fil-karta tal-bilanċ |
| Tranżazzjonijiet ta' kambju spot – trattament matul is-sena | |
| Ittrattati fl-istess mod kif deskritt hawn fuq għal tranżazzjonijiet immedjati, b'reġistrazzjoni bir-rata immedjata tat-tranżazzjoni | Xiri ta' kambju jiddaħħal barra l-karta tal-bilanċ fid-data tal-ħlas immedjat tat-tranżazzjonijiet, u jaffettwa l-kost medju tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data u skont ir-rata immedjata tat-tranżazzjoni Bejgħ ta' kambju barrani jiddaħħal barra l-karta tal-bilanċ fid-data tal-ħlas immedjat tat-tranżazzjoni. Il-qligħ u t-telf huma kkunsidrati bħala rrealizzati fid-data tal-ħlas immedjat tat-tranżazzjoni Fid-data tal-pagament, l-entrati barra l-karta tal-bilanċ jitreggħu lura, u jiddaħħlu entrati fil-karta tal-bilanċ Għal trattament ta' tmiem il-perijodu ara hawn taħt |

⁽¹⁾ Fil-każ ta' tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju l-investiment tal-valuta huwa affettwat fid-data tal-ħlas immedjat (i.e. ġeneralment id-data tan-negozju + jumejn).

| KONTABILITÀ TAD-DATA TAN-NEGOZJU | |
|---|---|
| “Metodu Regolari” | “Metodu Alternattiv” |
| Tranżazzjonijiet ta' kambju barrani immedjati u bil-quddiem inizjati f'sena 1 bid-data tal-ħlas immedjat tat-tranżazzjoni fis-sena 2 | |
| M'hemm bżonn ta' ebda ftehim speċjali minħabba li t-tranżazzjonijiet huma mdaħħlin fid-data tan-negozju, u qligħ u telf huma rikonoxxuti f'dik id-data | Għandhom ikunu ttrattati bħal li kieku taħt il-“metodu regolari” (1): <ul style="list-style-type: none"> — Il-bejgħ ta' kambju barrani jiddaħħal barra l-karta tal-bilanċ f'sena 1 sabiex il-qligħ/telf realizzat mill-kambju jiġi rrapportat fis-sena finanzjarja li fiha t-tranżazzjoni kienet miftiehma — Ix-xiri ta' kambju barrani jiddaħħal barra l-karta tal-bilanċ f'sena 1 u jaffettwa l-kost medju tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data — Ir-rivalutazzjoni fi tmiem is-sena ta' investiment ta' valuta għandha tikkunsidra xiri/bejgħ netti bid-data tal-ħlas immedjat fis-sena finanzjarja li jmiss |
| Tranżazzjonijiet ta' titoli - trattament matul is-sena | |
| Ix-xiri u l-bejgħ huma rikonoxxuti barra l-karta tal-bilanċ fid-data tan-negozju. Il-qligħ u t-telf huma rikonoxxuti wkoll f'din id-data. Fid-data tal-ħlas l-entrati off-balance sheet huma mregġġhin lura, u jiddaħħlu entrati fil-karta tal-bilanċ jiġifieri l-istess trattament bħal tranżazzjonijiet immedjati ta' kambju barrani | It-tranżazzjonijiet kollha huma rreġistrati fid-data tal-pagament; madankollu ara hawn taħt għal trattament fi tmiem il-perjodu. Konsegwentement, l-impatt fuq il-prezzijiet medji, fil-każ ta' xiri , u qligħ/telf, fil-każ ta' bejgħ , huwa rikonoxxut fid-data tal-ħlas |
| Tranżazzjonijiet ta' titoli inizjati fl-sena 1 bid-data ta' ħlas spot tat-tranżazzjoni fis-sena 2 | |
| Ebda trattament speċjali mhu meħtieġ peress li t-tranżazzjonijiet u l-konsegwenzi jkunu mdaħħla diġà fid-data tan-negozju | Qligħ u telf realizzati huma rikonoxxuti f'sena 1 fi tmiem il-perjodu, jiġifieri l-istess trattament bħal tranżazzjonijiet ta' kambju barrani immedjati, u x-xiri huwa inkluż fil-proċess ta' rivalutazzjoni fi tmiem is-sena (2) |
| <p>(1) Bħas-soltu, il-prinċipju ta' materjalità jista' jiġi applikat fejn dawn it-tranżazzjonijiet m'għandhom l-ebda impatt materjali fuq il-pożizzjoni tal-valuta barranija u/jew fil-kont tal-qligħ u t-telf.</p> <p>(2) Il-prinċipju ta' materjalità jista' jiġi applikat meta dawn it-tranżazzjonijiet m'għandhom l-ebda impatt materjali fuq il-pożizzjoni tal-valuta barranija u/jew fil-kont tal-qligħ u t-telf.</p> | |
| <p>2. Reġistrazzjoni ta' kuljum ta' imgħax akkumulat, inklużi primjums jew skontijiet</p> <p>2.1. L-imgħax, il-premium jew l-iskont akkumulat relatat mal-istrument finanzjarju ddenominat f'valuta barranija huwa kkalkulat u mdaħħal kuljum, indipendentement mil-fluss ta' flus reali. Dan ifisser li l-pożizzjoni tal-valuta barranija hija affettwata meta dan l-imgħax akkumulat jiddaħħal, bil-kuntrarju ta' meta l-interess biss huwa riċevut jew imħallas (1).</p> <p>2.2. Akkumulazzjonijiet ta' ċedoli u amortizzazzjoni ta' premium jew skont huma kkalkulati u mdaħħla mid-data tal-ħlas tat-titoli sad-data tal-ħlas tal-bejgħ, jew sad-data tal-maturità.</p> <p>2.3. It-tabella hawn taħt tenfasizza l-impatt tar-reġistrazzjoni tal-akkumulazzjonijiet ta' kuljum fuq l-investiment tal-kambju barrani, p.e. imgħax pagabbli u primjum/skontijiet ammortizzati:</p> | |
| Reġistrazzjoni ta' kuljum ta' imgħax akkumulat bħala parti mill-metodu ekonomiku | |
| Dovuti għal strumenti ddenominati f'kambju barrani huma kkalkulati u mdaħħlin ta' kuljum skont ir-rata tal-kambju tal-jum tar-reġistrazzjoni | |
| Impatt fuq l-investiment f'kambju barrani | |
| Id-dovuti jaffettwaw il-pożizzjoni tal-valuta barranija fil-ħin li jiddaħħlu, u ma jitregġġhux lura aktar tard. Id-dovuta tiġi kklirjata meta l-flus kontanti jiġu riċevuti jew imħallas. Fid-data tal-pagament għaldaqstant m'hemm l-ebda effett fuq il-pożizzjoni tal-valuta barranija, peress li l-akkumulazzjoni hija inkluża fil-pożizzjoni li tkun qed tiġi rrivalutata fir-rivalutazzjoni perjodika | |

(1) Żewġ metodi possibbli għar-rikonoxximent tad-dovuti ġew identifikati. L-ewwel metodu huwa “l-metodu tal-jum kalendarju” fejn id-dovuti huma rreġistrati kull jum kalendarju indipendentement minn jekk għurnata hijiet għurnata li taħbat fi tmiem il-ġimgħa (*weekend day*), btala pubblika jew jum ta' negozju. It-tieni metodu huwa l-“metodu tal-jum ta' negozju” li fih id-dovuti huma jiddaħħlu biss f'jiem ta' negozju. M'hemm l-ebda preferenza fir-rigward tal-għażla tal-metodu. Madankollu, jekk l-aħħar jum tas-sena ma jkun jum ta' negozju, għandu jkun inkluż fil-kalkolu tad-dovuti fi kwalunkwe metodu.

ANNEX IV

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ ⁽¹⁾

ASSI

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ | |
|---|-----|--|---|--|---|
| 1 | 1 | Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb | Deheb fiżiku, jiġifieri ingotti, muniti, platti, biċċiet tad-deheb maħżunin jew "under way". Deheb mhux fiżiku, bħal bilanċi f'sight accounts tad-deheb (kontijiet mhux allokat), depożiti b'terminu fiss u talbiet għad-deheb li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet li ġejjin: (i) tranżazzjonijiet ta' titjib jew tnaqqis; u (ii) lokazzjoni tad-deheb jew tpartit tal-purità fejn hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta | Valur fis-suq | Obbligatorju |
| 2 | 2 | Klejms kontra residenti minn barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija | Klejms kontra kontropartijiet residenti barra ż-żona euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovrannazzjonali u banek ċentrali barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija | | |
| 2.1 | 2.1 | Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) | <p>(a) <i>Drittijiet ta' kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)</i></p> <p>Kwota nazzjonali bil-bilanċi f'euro mnaqqsin għad-dispożizzjoni tal-IMF. Il-kont Nru 2 tal-IMF (kont f'euro għal spejjeż amministrattivi) jista' jiġi inkluż taħt dan l-element jew taħt l-element "Passiv għar-residenti barra ż-żona euro denominati f'euro"</p> <p>(b) <i>SDRs</i></p> <p>Investimenti f'SDRs (gross)</p> <p>(c) <i>Klejms oħrajn</i></p> <p>Arranġamenti ġenerali għal self, self taħt arranġamenti speċjali ta' teħid ta' self, depożiti li jsiru fi trusts taħt il-ġestjoni tal-IMF</p> | <p>(a) <i>Drittijiet ta' kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(b) <i>SDRs</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(c) <i>Kreditu oħrajn</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> | <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> |
| 2.2 | 2.2 | Bilanċi ma' banek u investimenti ftitoli, self barrani u assi barranin oħrajn | <p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo b'lura</p> | <p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> | Obbligatorju |

⁽¹⁾ L-iżvelar b'raba mal-karti tal-flus euro f'ċirkolazzjoni, ir-remunerazzjoni tal-klejms/passiv nett intra-Eurosistema li jirriżultaw mill-allokkazzjoni ta' karti tal-flus euro fi ħdan l-Eurosistema, u d-dħul monetarju għandhom ikunu armonizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ppubblikati mill-BĊNi. L-elementi li jridu jiġu armonizzati huma indikati b'asterisk fl-Annessi IV, VIII u IX.

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ |
|---|---|--|---|---|
| | | <p>(b) <i>Investimenti f'titoli barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> <p>Noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, strumenti ta' ekwità miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti barra ż-żona euro</p> | <p>(b) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) <i>Strumenti ta' ekwità negozjabbli</i></p> <p>Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> | <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> |
| | | <p>(c) <i>Self barrani (depożiti) ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-attiv "Assi finanzjarji oħrajn"</i></p> | <p>(c) <i>Self barrani</i></p> <p>Depożiti skont il-valur nominali maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> | <p>Obbligatorju</p> |
| | | <p>(d) <i>Assi barranin oħra</i></p> <p>Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona euro</p> | <p>(d) <i>Assi barranin oħrajn</i></p> <p>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> | <p>Obbligatorju</p> |
| 3 | 3 | <p>Klejms kontra residenti taż-żona euro denominati f'valuta barranija</p> | <p>(a) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> | <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> |

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ | |
|---|-----|--|--|---|--|
| | | (b) <i>Klejms oħrajn kontra residenti taż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i> Self, depożiti, tranżazzjonijiet repo b'lura, self varju | (iv) <i>Strumenti ta' ekwità negozjabbli</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani (b) <i>Klejms oħrajn</i> Depożiti u self ieħor skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani | Obbligatorju Obbligatorju | |
| 4 | 4 | Klejms kontra residenti minn barra ż-żona euro denominati feuro | | | |
| 4.1 | 4.1 | Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self | (a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i> Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus iddepożitati mil-lum għall-għada. Tranżazzjonijiet ta' xiri temporanju ta' assi konnessi mal-amminis-trazzjoni tat-titoli denominati feuro (b) <i>Investimenti f'titoli barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i> Strumenti ta' ekwità, noti u bonds, kambjali, bonds zero, titoli tas-suq tal-flus, kollha maħruġin minn residenti minn barra ż-żona euro | (a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro</i> Valur nominali (b) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Kost soġġett għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Kost soġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iv) <i>Strumenti ta' ekwità negozjabbli</i> Prezz tas-suq | Obbligatorju Obbligatorju Obbligatorju Obbligatorju |
| | | (c) <i>Self barra ż-żona euro li mhuwiex dak taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</i> | (c) <i>Self barra ż-żona euro</i> Depożiti skont il-valur nominali | Obbligatorju | |
| | | (d) <i>Titoli minbarra dawk taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn", maħruġin minn entitajiet barra ż-żona euro</i> Titoli maħruġin minn organizzazzjonijiet sovrannazzjonali jew internazzjonali, eż il-Bank Ewropew għall-Investment, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom | (d) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat | Obbligatorju | |

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ | |
|---|-----|--|---|---|--------------|
| | | | <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Kost soġġett għall-indeboliment</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Kost soġġett għall-indeboliment</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> | <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> | |
| 4.2 | 4.2 | Klejms li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II | Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II | Valur nominali | Obbligatorju |
| 5 | 5 | Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominat f'euro | Partiti 5.1 sa 5.5: tranżazzjonijiet skont l-instrumenti ta' politika monetarja rispettivi deskritti fl-Anness I għal Linja Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar l-instrumenti ta' politika monetarja u l-proċeduri tal-Eurosistema ⁽³⁾ | | |
| 5.1 | 5.1 | Operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament | Tranżazzjonijiet b'lura regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull ġimgħa u li normalment għandhom maturità ta' ġimgħa | Valur nominali jew kost repo | Obbligatorju |
| 5.2 | 5.2 | Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal | Tranżazzjonijiet b'lura regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull xahar u li normalment għandhom maturità ta' tliet xhur | Valur nominali jew kost repo | Obbligatorju |
| 5.3 | 5.3 | Operazzjonijiet ta' kalibrazzjoni b'lura | Tranżazzjonijiet b'lura, eżegwiti bħala tranżazzjonijiet <i>ad hoc</i> għal finijiet ta' kalibrazzjoni | Valur nominali jew kost repo | Obbligatorju |
| 5.4 | 5.4 | Operazzjonijiet strutturali b'lura | Transazzjonijiet b'lura li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju | Valur nominali jew kost repo | Obbligatorju |
| 5.5 | 5.5 | Faċilità ta' self marġinali | Faċilità ta' likwidità mil-lejl għan-nhar b'rata ta' imgħax fuq assi eliġibbli speċifikata minn qabel (faċilità permanenti) | Valur nominali jew kost repo | Obbligatorju |
| 5.6 | 5.6 | Kreditu relatati ma' sejħiet marġinali | Kreditu addizzjonali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżulta minn żidiet fil-valur tal-assi sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur nominali jew kost | Obbligatorju |

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ | |
|---|-----|--|---|--|---|
| 6 | 6 | Klejms oħrajn kontra istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona euro denominati f'euro | Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo b'lura b'rabta mal-amministrazzjoni ta' portafolli ta' titoli taħt il-partita tal-attiv 7 "Titoli ta' residenti taż-żona euro denominati f'euro", inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tar-riżervi ta' qabel ta' valuta barranija taż-żona euro u klejms oħrajn. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux domestiċi fiż-żona euro. Klejms oħrajn u operazzjonijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Kull klejm li tirriżulta minn operazzjonijiet ta' politika monetarja mibdijin minn BĊN qabel ma ssieħeb fl-Eurosistema | Valur nominali jew kost | Obbligatorju |
| 7 | 7 | Titoli ta' residenti fiż-żona euro denominati f'euro | | | |
| 7.1 | 7.1 | Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja | Titoli maħruġin fiż-żona euro u miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja. Ċertifikati ta' dejn tal-BĊE mixtrijin għal finijiet ta' kalibrazzjoni | <p>(a) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(b) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Kost suġġett għall-indeboliment (kost meta l-indeboliment huwa kopert minn provvedimenti tal-Eurosistema taħt l-element tal-passiv 13(b) "Provvedimenti")</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(c) <i>Titoli mhux negozjabbli</i></p> <p>Kost suġġett għal indeboliment</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> | <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> |
| 7.2 | 7.2 | Titoli oħra | Titoli minbarra dawk taħt l-element tal-attiv 7.1 "Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja" u taħt l-element tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"; karti tal-flus u bonds, kambjali, bonds zero, strumenti tas-suq tal-flus miżmumin għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM, denominati f'euro. Strumenti ta' ekwità | <p>(a) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Prezz tas-suq</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(b) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i></p> <p>Kost suġġett għal indeboliment</p> <p>Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> | <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> |

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ | |
|---|-----|--|---|---|--------------|
| | | | (c) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Kost soġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat | Obbligatorju | |
| | | | (d) <i>Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli</i> Prezz tas-suq | Obbligatorju | |
| 8 | 8 | Dejn ġenerali tal-gvern denominat feuro | Talbiet lill-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM (titoli mhux negozjabbli, self) | Depożiti/self bil-valur nominali, titoli mhux negozjabbli skont il-kost | Obbligatorju |
| — | 9 | Krediti intra-Eurosistema⁺ | | | |
| — | 9.1 | Interess parteċipanti fil-BĊE⁺ | Element tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN biss Is-sehem ta' kull BĊN fil-kapital tal-BĊE skont it-Trattat u l-iskema kapitali u l-kontribuzzjonijiet rispettivi skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ | Kost | Obbligatorju |
| — | 9.2 | Klejms ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin⁺ | Element tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN biss Talbiet denominati feuro fil-konfront tal-BĊE fir-rigward ta' trasferimenti inizjali u addizzjonali ta' riżervi barranin taħt l-Artikolu 30 tal-Istatut tas-SEBĊ | Valur nominali | Obbligatorju |
| — | 9.3 | Klejms marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE⁺ | Element tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss Klejms intra-Eurosistema fil-konfront ta' BĊNi li jirriżultaw mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE | Kost | Obbligatorju |
| — | 9.4 | Klejms nett marbutin mal-allokkazzjoni ta' karti tal-flus euro fi ħdan l-Eurosistema⁺, (*) | Għall-BĊNi: kreditu nett relatat mal-applikazzjoni tal-iskema tal-allokkazzjoni tal-karti tal-flus i.e. inklużi l-bilanċi interni għall-Eurosistema relatati mal-ħruġ tal-karti tal-flus tal-BĊE, l-ammont kompensatorju u l-entrata tal-bilanċ tal-kontabilità kif definita mid-Deċiżjoni BĊE/2010/23 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokkazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro (4) (4) Għall-BĊE: klejms marbutin mal-ħruġ tal-karti tal-flus tal-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 | Valur nominali | Obbligatorju |
| — | 9.5 | Klejms oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)⁺ | Pożizzjoni nett tas-subelementi li ġejjin: (a) klejms nett li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, i.e. iċ-ċifra netta tal-klejms u l-passiv – ara wkoll l-element tal-passiv 10.4 "Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett)" | (a) Valur nominali | Obbligatorju |

| Element tal-karta ta' bilanċ ⁽¹⁾ | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi fil-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | Skop tal-applikazzjoni ⁽²⁾ |
|---|------|---|---|--|--|
| | | | (b) klejm li jirriżulta minħabba differenza bejn id-dħul monetarju li jrid jiġi ppuljat u dak li jrid jitqassam mill-ġdid. Rilevanti biss għall-perijodu bejn ir-reġistrazzjoni tad-dħul monetarju bħala parti mill-proċeduri fi tmiem is-sena, u l-pagament tiegħu fl-aħħar jum tax-xogħol f'jannar ta' kull sena | (b) Valur nominali | Obbligatorju |
